# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 30/09MH**

**Illum 23 ta' November, 2016**

**George Spiteri (K.I. 139544M) u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2011 l-atti gew trasfuzi f' isem Maria Carmela sive Marlene Spiteri, Leonor mart Victor Bartolo (K.I. 316369M), David Spiteri (336471M), Robert Spiteri (197979M), Maria Spiteri (563588M) stante l-mewt ta' George Spiteri**

**vs**

1. **Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu;**
2. **Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regulazzjoni dwar is-sahha pubblika) fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu;**
3. **Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu;**
4. **Avukat Generali**
5. **U b' digriet tal-14 ta' April 2011 gie kjamat fil-kawza il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tar-rikorrent** tad-19 ta' Mejju 2009 permezz ta' liema huwa ppremetta:

1. *"Illi r-rikorrent kien impjegat mal-Malta Drydocks Corporation, stabbilita fis-sena 1968 in forza tal-Kapitolu mitejn u seba' (207) tal-Ligijiet ta' Malta (Malta Drydocks Corporation Act), illum ristrutturata taht l-awspici tal-Kapitolu erba' mija u sitta u sittin (466) tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att Dwar ir-ristrutturar tat-Tarznari) – vide kopji ta' Certifikati ta' l-Impjieg, anness u mmarkat bhala Dok CI;*

2. *Illi l-Gvern ta' Malta, bejn is-snin 1968-2003, dejjem kellu direzzjoni u kontroll tal-attivitajiet kollha tal-Malta Drydocks Corporation, u wara s-sena 2003 sal-gurnata odjerna l-istess Gvern kellu u ghandu d-direzzjoni u kontroll tal-istess Korporazzjoni kif ristrutturata bhala kumpanija privata;*

3. *Illi frekwentement u regolarment matul l-impjieg tieghu, ir-rikorrent gie espost ghat-tlett forom ta' asbestos, aktar specifikament il-crocidolite (asbestos blu), amosite (asbestos kannella) u chrysotile (asbestos abjad), fid-diversi forom u uzi tieghu;*

4. *Illi kien maghruf ghal ghexieren ta' snin illi l-esposizzjoni ghall-asbestos minghajr protezzjoni adegwata hu ta' dannu serju ghal sahhet il-bniedem, tant illi tali esposizzjoni twassal ghal mard serju divers, u tista' tikkaguna l-mewt;*

5. *Illi f' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) ir-rikorrent gie mgharraf li kien diagnosed b'marda serja ferm bl-isem* ***malignant epitheleoid***

**mesothelioma,** *u li hi unikament attribwibbli ghall-kuntatt ma' l-asbestos fuq il-post tax-xoghol fit-tarzna;*

6. *Illi llum r-rikorrent huwa f'perikolu ta' mewt minhabba il-marda unikament attribwibbli ghall-esposizzjoni ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol fit-tarzna bhala boiler-maker u qieghed jiehu trattament ta'* ***chemotherapy;***

7. *Illi r-rikorrent ma giex infurmat, la mill-awtoritajiet tas-sahha, la mill-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u lanqas mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dwar l-effetti nocivi rizultanti mill-esposizzjoni ghall-asbestos u ghalhekk dawn huma ilkoll responsabbli ghal marda li ikkutratta r-rikorrent;*

8. *Illi l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u d-Dipartimnt tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali naqsu li jipprovdu lir-rikorrent b' mizuri ta' protezzjoni adegwati sabiex jilqghu ghall-hsara kkagunata mill-asbestos u ghalhekk huma responsabbli ghall-marda li ikkutratta ir-rikorrent;*

9. *Illi l-istess esposizzjoni ghall-asbetos affettwat negattivament il-kwalita' ta' hajja tar-rikorrent kif ukoll tal-familjari tieghu peress li rrizultaw l-imsemmija sintomi, mard u kumplessitajiet medici kagun tal-esposizzjoni ghall-asbestos u huma l-intimati li huma responsabbli ta' dan;*

10. *Illi l-istess familjari tar-rikorrenti gew esposti ghall-asbestos tramite oggetti bhal boiler suits li kienu jintuzaw mir-rikorrent fuq il-post tax-xoghol u jittiehdu d-dar. L-istess familjari gew esposti ghall-asbestos ukoll tramite l-persuna stess tar-rikorrent;*

*Ghaldaqstant ghall-fatti u ghar-raguni fuq premessi, u ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul il-procedura odjerna, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li fil-konfront individwali tar-rikorrent inkiser:*

1. *Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja ta' l-individwu ma titqieghedx f' periklu bla bzonn, ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Id-dritt li wiehed ma jkunx issoggettat ghal trattament inuman u degradanti, ai termini ta' Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-idividwu u li dan id-dritt ma jigix mittiefes, ai termini ta' l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, f' dak li ghandu x' jaqsam mal-kwalita' tal-hajja tar-rikorrent.*

4. *Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu u li dan id-dritt ma jigix mittiefes, ai termini ta' Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, f' dak li ghandu x' jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti ikun infurmat dwar perikli marbutin mal-asbestos li kienu common knowledge; u*

5. *Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju, tillikwida d-danni, u tordna li dan jithallas lir-rikorrent."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta tal-intimati Policy Manager tal-Malta Shipyards, tat-Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regolazzjoni Dwar Is-Sahha Pubblika) u ta' l-Avukat Generali** prezentata fis-26 ta' Mejju 2009[1] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

*"Illi fir-rikors promutur, ir-rikorrenti qieghed jallega illi l-esposizzjoni matul l-impjieg tieghu ghall-asbestos allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tieghu senjatament l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi in linea preliminari, hadd mill-esponenti ma hu il-legittimu kontradditturi ai termini ta' l-Aritkolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Di piu` ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati.*

*Illi in kwantu t-talbiet huma diretti kontra l-Malta Drydocks hadd mill-esponenti m'hu il-persuna li ghandha r-rapprezentanza ta' dik l-istituzzjoni skond l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari.*

*Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi l-istess rikorrenti qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a dispozizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu tramite d-dritt amministrattiv u civili ordinarju. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

---

[1] Fol 14 et seq

***Ebda ksur ta' l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

*Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar periklu ghall-hajjtu allegatament naxxenti minn esposizzjoni ghall-materjal nociv hija ghal kollox infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.*

*L-esponenti jissottometu illi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi ghall-protezzjoni mill-privazzjoni tal-hajja meta tali privazzjoni ssir 'intenzjonalment'. Illi certament illi mir-rikors promutur ma jirrizultax dan.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.*

***Ebda ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

*Illi r-rikorrenti qieghed jallega illi l-fatt illi huwa kien impjegat f'ambjent fejn kien espost ghal certu sustanzi jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu. L-esponenti jissottometu illi l-fatt illi r-rikorrenti kien jahdem f'dawn il-kundizzjonijiet ma jfissirx illi hu kien gie assoggettat ghal trattament degredanti.*

*L-esponenti jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs UK*** *(1985) fejn il-Qorti Ewropea irriteniet illi jrid ikun hemm intenzjoni ta' umiljazzjoni sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit ta' trattament degredanti. Il-Qorti Ewropea osservat fid-decizjoni 'Tyrer' deciza fil-25 ta' April 1978 irriteniet illi 'the suffering occasioned must attain a particular level before a punishment can be classified as inhuman within the meaning of article 3'.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-Ispejjez."*

Rat **ir-risposta tal-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol** prezentata fis-27 ta' Mejju 2009[2] permezz ta' liema huwa eccepixxa:

*"Illi l-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma mir-rikorrenti u li dwarhom sar ir-rikors kostituzzjonali odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u huma sahansitra kompletament frivoli u vessatorji u ghalhekk ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti, u dana ghar-ragunijiet segwenti:-*

1. *Illi preliminarjament ir-rikorrenti naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli lilu skond il-Ligi sabiex jissalvagwardja l-allegati interessi vantati minnu u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha f' dawn il-proceduri ai termini tal-proviso tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

2. *Illi f' dan ir-rigward l-Awtorita' intimata taghmel riferenza ghall-proviso fuq citat illi jistabbilixxi li 'l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f' kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi li ligi ohra.'*

3. *Illi fil-kaz odjern jirrizulta li ghalkemm fir-rikors promotur ir-rikorrenti ghamel ilmenti daqstant serji, huwa xorta wahda naqas milli qabel xejn jipprocedi b' Kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u hlas ta'*

[2] Fol 18 et seq

*danni allegatament sofferti minnu qabel ma pproceda bil-mezzi straordinarji ghal allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.*

4. *Illi dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti jmur kontra l-insenjament tal-Qrati taghna li konsistentement irritenew illi r-rimedju ordinarju ghandu jigi nvokat qabel ir-rimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

5. *Illi f' dan ir-rigward l-Awtorita' intimata taghmel referenza ghal Kawza recent deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Frar 2009*[3]*, fejn l-istess Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti in vista tal-fatt illi r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji moghtija lilhom skond il-Ligi. Fl-istess Kawza l-istess Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra fejn fihom gie ribadit il-principju li azzjoni dwar l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem hija proponibbli biss meta ma jkunx hemm rimedju iehor skond il-ligi ordinarja, b' dan illi ghaldaqstant meta jezisti tali rimedju wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jintalab rimedju kostituzzjonali.*

6. *Illi ghaldaqstant l-Awtorita' intimata tirrileva bir-rispett illi ghar-ragunijiet imsemmija u konformament mad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-gurisprudenza nostrali dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fil-proceduri odjerni.*

7. *Illi preliminarjament ukoll l-Awtorita' intimata ma hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi bl-ebda mod ma tirrispondi ghall-addebiti mressqa kontra taghha u bl-ebda mod ukoll ma jista' jinghad illi kien hemm xi*

[3] *Noel Spiteri u martu Bernardette Spiteri vs L-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u s-Segretarju tal-istess Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar u b' digriet tas-6 ta' Gunju 2003 giet kjamata fil-kawza l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – Rikors Numru 33/2002/1 RCP*

*agir da parti ta' l-istess Awtorita' illi b' xi mod seta lleda d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnu pretizi.*

8. *Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghall-premess semmai l-kawza odjerna kellha ssir kontra c-Chairperson u l-Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni ta' l-Awtorita' li flimkien, ai termini ta' l-artiklu 13(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, huma vestiti bir-rapprezentanza legali ta' l-istess Awtorita'.*

9. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel talba dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dina hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u hija sahansitra frivola u vessatorja u ghaldaqstant ghandha tigi michuda fl-intier taghha.*

10. *Illi effettivament l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi li 'hadd ma jista' jigi* ***pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment*** *hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' Qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub hati'.*

11. *Illi kif jirrizulta mid-disposizzjonijiet ta' l-istess artiklu, l-emfazi qeghda fuq it-tnehhija intenzjonali tal-hajja u senjatament illi wiehed deliberatament inehhi jew jipprova jnehhi l-hajja ta' dak li jkun.*

12. *Illi fil-kaz in dizamina bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni u bl-ebda tigbid ta' l-interpretazzjoni tal-ligi ma jista' jinghad illi l-Awtorita' intimata ghamlet xi haga deliberatament bil-hsieb li toqtol lir-rikorrenti.*

13. *Illi fil-fatt ir-rikorrenti stess ma ghamel l-ebda allegazzjoni f' dan is-sens fil-konfront ta' l-Awtorita' intimata, b' dan illi in oltre ma jezisti l-ebda ness ta' Kawza u effett bejn dak stipulate fic-certifikat mediku relattiv ma kwalunkwe agir da parti ta' l-Awtorita' intimata.*

14. *Illi effettivament ghalkemm ir-rikorrenti kien impjegat mad-Drydocks mis-snin sittin sa l-1981, l-Awtorita' intimata twaqqfet biss f' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

15. *Illi ulterjorment jigi rilevat illi ghalkemm it-talba tar-rikorrenti taghmel referenza ghad-dritt illi 'l-hajja ta' l-individwu ma titqieghedx f' periklu bla bzonn', tali dritt bl-ebda mod ma jirrizulta mill-Artikolu fuq citat u ghaldaqstant tali talba hija ghal kollox bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt.*

16. *Illi ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li 'hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degredanti'.*

17. *Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat illi fir-rikors tar-rikorrenti ghal darba ohra fl-ebda hin ma gie anke minimament allegat illi r-rikorrenti gie espost ghal xi piena jew trattament inuman jew degradanti da parti ta' l-Awtorita' intimata u dan proprju ghaliex qatt u fl-ebda hin ma kien hemm tali trattament u/jew piena da parti ta' l-Awtorita' intimata fil-konfront ta' l-istess rikorrenti b' dan illi t-talba ta' l-istess rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dan id-dritt da parti ta' l-Awtorita' intimata hija kompletament bla bazi u ghal kollox frivola u vessatorja.*

18. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' trattament inuman u degradanti gie stabbilit illi bhala regola, u a bazi ta' dak li gie deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz* **Ireland vs United Kingdom** *(18/1/78), ikun hemm trattament inuman meta jkun hemm "the infliction of intense physical or mental suffering", filwaqt li trattament degradanti jinkludi "ill-treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority*

*capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance".*

19.*Illi in oltre kif gie ritenut mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-**Greek Case,** "The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable... treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience."*

20.*Illi fil-kaz odjern bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad illi kien hemm xi agir da parti ta' l-Awtorita' intimata li b' xi mod jista' jwasal ghad-definizzjonijiet fuq citati.*

21.*Illi fil-mertu l-Awtorita' esponenti ma hija responsabbli bl-ebda mod ghal dak allegatament soffert mir-rikorrenti.*

22.*Illi ghal ragunijiet suesposti t-talba tar-rikorrenti ghall-kwantifikazzjoni, likwidazzjoni u hlas ta' kumpens xieraq ghandha wkoll tigi michuda fl-intier taghha.*

23.*Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz meta r-rikorrenti joghgbu b' xi mod jissostanzja t-talbiet tieghu.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-Awtorita' esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u tiddikjara illi l-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma mir-rikorrenti u illi dwarhom sar ir-rikors kostituzzjonali odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet premessi u tiddikjara wkoll illi t-tqanqil tal-kwistjonijiet kostituzzjonali min-naha tar-rikorrenti huma*

*fiergha u vessatorji u dan taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat **ir-rikors tar-rikorrent tal-15 t'Ottubru 2009**[4] permezz ta' liema huwa talab is-sostituzzjoni tat-talbiet originali fir-rikors promotur b'dawk indikati f'dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fin-nuqqas t'oppozizzjoni tal-intimati fil-kawza[5], hija laqghet it-talba fis-16 ta' Frar 2010[6].

Rat **ir-risposta ulterjuri tal-intimati Policy Manager tal-Malta Shipyards, tat-Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regolazzjoni Dwar Is-Sahha Pubblika) u ta' l-Avukat Generali tal-4 ta' Novembru 2010**[7] permezz ta' liema huma esponew:

*« Illi dina r-Risposta Ulterjuri qieghdha ssir ai termini tal-verbal tas-26 ta' Ottubru 2010 in risposta ghall-emenda inserita fir-rikors promutur da parti tar-rikorrent.*

*Illi r-rikorrenti qieghed jallega illi l-esposizzjoni matul l-impjieg tieghu ghall-asbestos allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali taghhom. Fir-rikors kostituzzjonali intavolat fid-19 ta' Mejju 2009, ir-rikorrenti kien qed jallega l-vjolazzjoni ta' l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni. Fir-rikors kif emendat, ir-rikorrenti qed jallega wkoll il-vjolazzjoni ta' l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

[4] Fol 61 et seq
[5] A fol 66 u 68
[6] Fol 69
[7] Fol 77 et seq

***Ebda ksur ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem***

*L-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar periklu ghall-hajjithom allegatament naxxenti minn esposizzjoni ghall-materjal nociv hija ghal kollox infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.*

*L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi ghall-protezzjoni mill-privazzjoni tal-hajja meta tali privazzjoni ssir 'intenzjonalment'. Illi certament illi mir-rikors kif redatt ma jirrizultax dan.*

*Illi in vista tas-suespost, ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu.*

***Ebda ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem***

*Illi r-rikorrenti qieghed jallega illi l-fatt illi huwa kien impjegat f'ambjent fejn kien espost ghal certu sustanzi jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom. L-esponenti jissottomettu illi l-fatt illi r-rikorrent kien jahdem b'dawn il-kundizzjonijiet ma jfissirx illi r-rikorrenti kien assoggettat ghal trattament degredanti.*

*L-esponenti jissottomettu illi sabiex jkun hemm trattament degredanti jrid ikun hemm intenzjoni ta' umiljazzjoni.*

*Illi in vista tas-suespost, ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu.*

***Ebda ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem***

*Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija naxxenti mill-fatt illi allegatament l-esponenti naqsu milli jaghtu informazzjoni lir-rikorrenti dwar l-effetti nocivi ta' certu materjal. L-esponenti jirrilevaw illi huma ma zammu mistura ebda informazzjoni relattiva ghal dawn il-materjali u certament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma purament spekulattivi u ghandhom jigu michuda.*

*Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi l-kwalita' tal-hajja tieghu giet effettwata, l-esponenti jissottomettu illi dawn il-fatti ma jinkwadrawx ruhhom taht allegata lezjoni ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.*

*In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri. »*

Rat **id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 2011**[8] permezz ta' liema giet milqugha t-talba ta' mart u ulied ir-rikorrent ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isimhom kollha wara l-mewt tar-rikorrent George Spiteri.

Rat **id-digriet taghha tal-14 t'April 2011**[9] permezz ta' liema hija ordnat is-sejha fil-kawza tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq talba tar-rikorrenti.

Rat illi mill-atti ma jirrizultax li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt gie notifikat ufficjalment bl-atti. Nonostante dan, jirrizulta li gew prezentati mill-intimati atti f'ismu wkoll[10] u kien qieghed jigi ppatrocinat mill-istess difensur tal-intimati l-ohra (hlief tal-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol). Ghalhekk huwa meqjus li l-Kummissarju tal-Pulizija debitament ta ruhu b'notifikat bl-atti tal-kawza odjerna anke jekk formalment baqa' ma pprezenta ebda risposta biex jilqa' ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent.

Rat **is-sentenza mill-istess Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Frar 2014**[11] li laqghet l-eccezzjoni komuni tal-intimati kollha dwar in-nuqqas t'ezawriment ta' rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent ghall-ilmenti tieghu. Ghal din ir-raguni l-Qorti rrifjutat li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha a tenur tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u l-Arttikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Rat **is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Marzu 2015**[12] li laqghet l-appell tar-rikorrenti, hassret is-sentenza appellata, cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati taht l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u baghtet l-atti lura quddiem din il-Qorti sabiex jitkompla s-smiegh tal-kaz.

[8] Fol 88
[9] Fol 227 -228
[10] Risposta tal-appell tal-intimati Policy Manager tal-Malta Shipyards et (fol 340 et seq) u Nota ta' Sottomissjinijiet Finali tal-istess intimati (fol 514 et seq)
[11] Fol 316 et seq
[12] Fol 383 et seq

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum ir-rikorrent George Spiteri, ex-impjegat tat-Tarzna ta' Malta intavola proceduri kontra l-intimati bil-ghan li huma jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghal nuqqasijiet serji li kkommettew fil-konfront tieghu fejn jidhol sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol minhabba li b'mod regolari u prolongat ghal ghexieren ta' snin huwa gie espost ghall-materjal tal-asbestos. Kawza ta' din l-espozizzjoni r-rikorrent gie eventwalment dijanjostikat bil-marda tal-kancer maghrufa bhala *malignant epithelioid mesothelioma* – tip ta' kancer li huwa unikament attribwibbli ghall-espozizzjoni ghall-asbestos. Huwa jsostni li l-awtoritajiet governattivi mhux biss ma nfurmawx lir-rikorrent u lill-haddiema l-ohra bl-effetti nocivi tal-espozizzjoni ghall-asbestos izda lanqas kienu hadu jew provdew mizuri adegwati ta' protezzjoni jew prekawzjoni f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant il-kwalita' ta' hajja tieghu u anke l-familjari tieghu giet affetwata negattivament, u dana b'allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Huwa talab ukoll likwidazzjoni u hlas ta' kumpens xieraq.

Wara l-mewt tar-rikorrent fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-atti gew trasfuzi f'isem martu u wliedu.

Minn naha taghhom l-intimati kollettivament irrespingew il-pretensjonijiet tar-rikorrent, u ghar-ragunijiet indikati minnhom cahdu li kienu responsabbli ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

### A. Sfond fattwali u legislattiv

George Spiteri kien dahal jahdem it-Tarzna fl-1958 u baqa' impjegat hemm b'mod mhux interrott sal-1980. Fil-kors ta' dak il-perjodu r-responsabbilta' tal-amministrazzjoni tat-Tarzna ghaddiet minn diversi tibdiliet. Fil-perjodu tal-1958 it-Tarzna kienet ghadha taht it-tmexxija tal-ammiraljat tal-Gvern Ingliz. Sena wara, f'Marzu tal-1959, it-Tarzna ghaddiet f'idejn Bailey (Malta) Limited. Disa' snin wara, f'April 1968 gie promulgat l-**Att dwar it-Tarzna ta' Malta** li l-ghan tieghu kien it-trasferiment ta' l- azzjonijiet ta' Bailey (Malta) Ltd u t-twaqqif tal- Korporazzjoni tat-Tarzna. Bis-sahha ta' dan l-Att, it-Tarzna mhux biss assumiet l-obbligu ghall-passiv tal-kumpanija cedenti, imma wkoll kull obbligazzjoni li l-haddiema seta' kellhom fil-mument tat-trasferiment u li ghalhekk bl-operat ta' tali trasferiment saru dipendenti taghha. Dan l-operat baqa' fis-sehh sakemm il-Parlament ghadda l-**Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari** (ta' Malta **Kap.466 tal-Ligijiet ta' Malta**) tas-7 ta' Novembru 2003 permezz ta' liema l-attiv u l-passiv kollu tat-Tarzna ghadda ghand il-Gvern ta' Malta.

Jigi nnutat ukoll li matul is-snin giet fis-sehh legislazzjoni li ghandha rilevanza ghall-fattispecje tal-kaz odjern u li din il-Qorti ser tkun qed tikkunsidra fl-evalwazzjoni tal-mertu tal-kaz:

- **Regolamenti dwar is-Sigurta' fil-Baciri**: Din il-legislazzjoni sussidjarja (S.L.424.03) giet fis-sehh fis-**7 ta' Settembru 1953** u giet emendata diversi drabi. Dawn ir-regolamenti ma jipprovdux dwar espozizzjoni ghall-asbestos u l-effetti tieghu;

- **Regolamenti dwar postijiet tax-Xoghol (Sahha, Skansar u Hsieb Generali)**: Din il-legislazzjoni sussidjarja (S.L.424.09) giet fis-sehh fid-**9 ta' Frar 1987** u giet emendata diversi drabi. Dawn ir-regolamenti ukoll ma jaghmlu ebda referenza specifika ghall-asbestos;
- **Regolamenti dwar il-Projbizzjoni ta' Importazzjoni ta' Fibri ta' l-Asbestos** tas-**27 ta' Settembru 1994** (S.L.37.11) permezz ta' liema hadd ma seta' jimporta gewwa Malta jew johrog minn depozt fibri sfuzi tal-asbestos;
- **L-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol tas-17 ta' Novembru 2000** (Kap.424 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-legislazzjoni sussidjarja li taqa' tahtu, uhud mill-liema jolqtu direttament il-protezzjoni tal-haddiema mill-espozizzjoni ghall-asbestos kif ser jigi amplifikat aktar 'il quddiem
- **Regolamenti dwar Prevenzjoni u Tnaqqis ta' Tniggis tal-Ambjent mill-Asbestos** (S.L. 549.18) tat-**28 ta' Gunju 2002**

**B. Eccezzjonijiet preliminari**

L-intimati ressqu numru ta' eccezzjonijiet preliminari. Wara li wahda minnhom, dik li tolqot in-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji giet michuda fil-konfront tal-intimati kollha fis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Marzu 2015, jifdal l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati li jirrigwardaw il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur u tar-rapprezentanza tat-Tarzna f'din il-kawza.

L-intimati *Policy Manager tal-Malta Shipyards* fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu, it-Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regulazzjoni dwar is-sahha pubblika) fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu u l-Avukat Generali qeghdin mhux biss jeccepixxu li huma mhumiex legittimi kontradituri ghat-talbiet tar-

rikorrent izda wkoll li huma m'ghandhomx ir-rapprezentanza tat-Tarzna kif provdut fl-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari. Peress li huma konnessi, dawn iz-zewg eccezzjonijiet sejrin jigu trattati konguntivament.

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari jghidu hekk:

*Illi in linea preliminari, hadd mill-esponenti ma hu il-legittimu kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Di piu` ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati.*

*Illi in kwantu t-talbiet huma diretti kontra l-Malta Drydocks hadd mill-esponenti m'hu il-persuna li ghandha r-rapprezentanza ta' dik l-istituzzjoni skond l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari.*

Fl-ewwel lok u kif irriteniet din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciza fit-28 ta' Settembru 2016**[13]:

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell****:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux*

[13] Rik Gur Nru 700/14

*fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[14] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[15]*."*

L-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta citat minn dawn l-intimati jipprovdi hekk:

*"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:"*

---

[14] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

[15] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

**Fir-rigward tal-prezenza f'din il-kawza tal-*Policy Manager* tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu**, il-Qorti tirreferi ghall-Att dwar it-Tarzna ta' Malta li permezz tieghu il-haddiema ghaddew taht ir-responsabbilta' ta' din il-Korporazjzoni. Bl-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari (Kap.466 tal-Ligijiet ta' Malta) imbaghad sar ir-ristrutturar tat-Tarzna ta' Malta u tal-*Marsa Shipbuilding Yard*. L-artikolu 3 ta' dan l-Att jipprovdi li l-attiv u l-passiv kollu tat-Tarzna ta' Malta kellu **jibda jvesti fil-Gvern**. Skont dan l-artikolu wkoll, il-*Malta Shipbuiling Company Limited* kellha tigi xolta, likwidata u stralcjata minghajr il-htiega ta' ebda formalità ohra hlief l-Att innifsu. Dan l-Att gie fis-sehh fis-7 ta' Novembru 2003, ferm qabel il-bidu ta' din il-kawza. Isegwi ghalhekk li minn dak iz-zmien il-kariga ta' *"Policy Manager tal-Malta Shipyards"* fi hdan il-Ministeru tal-Gvern imsemmi ma baqghetx fis-sehh.

**Ghaldaqstant l-intimat *Policy Manager* tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ma jistax jitqies li huwa legittimu kuntradittur f'din il-kawza.**

Fir-rigward tal-**intimat Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regulazzjoni dwar is-sahha pubblika) fil-kwalita' rapprezentattiva tieghu**, l-intimati jargumentaw illi huwa qatt ma kellu l-funzjoni tat-tmexxija tat-Tarzna ta' Malta liema funzjoni fil-fehma taghhom kienet tispetta lill-Korporazzjoni mwaqqfa permezz ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta[16].

Minn naha tieghu ir-rikorrent attribwixxa **responsabbilta'** fuq dan l-intimat minhabba li kien wiehed mill-entitajiet tal-Gvern li allegatament ma ta ebda

[16] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati a fol 516

nformazzjoni dwar l-effetti nocivi ta' espozizzjoni ghall-asbestos lir-rikorrent u lit-tarznari l-ohra u allegatament naqas ukoll milli jipprovdi lill-istess rikorrent b'mizuri ta' protezzjoni adegwati sabiex jilqghu ghal tali hsara kawzata mill-asbestos. Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-fehma tar-rikorrent, l-intimat Tabib Principali tal-Gvern huwa responsabbli ghall-marda tal-kancer li biha huwa gie dijanjostikat[17].

Ghal dak li jirrigwarda l-prezenza tal-**Avukat Generali** fil-proceduri, l-intimati jissottomettu li la l-kawza odjerna mhijiex intiza sabiex tigi dikjarata ligi bhala leziva tad-drittijiet fundamentali u la l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari (Kap.466 tal-Ligijiet ta' Malta) jidentifika kontra min ghandha tigi istitwita azzjoni diretta kontra t-Tarzna ta' Malta, l-prezenza ta' l-Avukat Generali mhijiex mehtiega. L-intimati jargumentaw li min-natura taghha l-kawza tikkoncerna biss it-Tarzna ta' Malta u konsegwentement l-Avukat Generali kellu biss jigi notifikat bl-att promotur a tenur tal-Artikolu 181B u mhux jiddahhal fil-kawza bhala parti[18].

Ghal kull buon fini jinghad li r-rikorrenti qeghdin ifittxu lill-intimati b'rabta ma' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom a tenur tal-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikoli korrispettivi taghhom fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni msemmija kif inkorporata fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tosserva li l-legittimita' tal-prezenza ta' dawn iz-zewg intimati diga' giet trattata fid-dettall minn din il-Qorti diversament preseduta f'kawzi dwar mertu simili. Fil-kaz fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et vs Tabib Principali**

[17] Is-seba' u t-tmien talba tar-rikorrent fir-rikors promotur
[18] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati a fol 516 u 517

**tal-Gvern (Sahha Pubblika), fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu et deciz fil-15 ta' Settembru 2015** intqal hekk:

*"Il-Qorti taghmel distinzjoni bejn l-illegittimita` tal-persuna u r-responsabilita` tal-persuna.*

*Kwistjoni hija jekk fil-procediment tal-lum ghandux it-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) joqghod ghall-gudizzju ta` din il-Qorti fil-kawza tal-lum tenut kont li qieghed ikun mixli bi ksur tal-artikoli fuq riferiti, u ohra hija l-kwistjoni jekk tirrizultax il-prova ta` lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti hekk kif tutelati bl-artikoli citati. Ghal din il-Qorti, l-eccezzjoni, kif impostata, qeghda tindirizza t-tieni kwistjoni mhux l-ewwel wahda u cioe` qeghda tittratta l- mertu, materja li fl-istadju attwali tal-kawza hija prematura. Din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-mertu, pero` trid tghid illi l-ECHR fis-sentenza taghha (op. cit.) fil- kaz ta` "***Brincat and Others v. Malta***" *ghamlet analizi ta` x`kien jispetta lill- Awtoritajiet tas-Sahha ta` Malta li jaghmlu dwar taghrif lill-pubbliku dwar l- asbestos (ara para. 106 tad-decizjoni).*

*Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tilqa` l-pregudizzjali tat-Tabib Principali tal-Gvern illi m`ghandux jitqies bhala inkapaci skond il-ligi li joqghod f`kawza (ara l-Art 780 tal-Kap 12).*

*Ir-relazzjoni guridika li r-rikorrenti qeghdin jaghmlu tat-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) mal-allegat ksur minnhom lamentat ma tistax titqabbel mar-rabta li qeghdin jimputaw mal-Avukat Generali. Id-distinzjoni tohrog kjarament, fil-fehma ta` din il-Qorti, mill-kawzali li jipprecedu t-talbiet.*

*Ghal din il-Qorti huwa evidenti li l-Avukat Generali kien citat fil-gudizzju tal-lum minhabba l-kwistjoni tar-rappresentanza gudizzjarja tal-Gvern.*

*Il-kwistjoni tar-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Art 181B tal-Kap 12 li gie introdott bl-Att XXIV tal-1995. Dan l-artikolu, filwaqt li jitkellem dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern, ma jaghmel ebda distinzjoni bejn proceduri ordinarji u dawk ta` natura kostituzzjonali jew konvenzjonali. Hemm jinsab provdut espressament fis-subinciz (1) li, bhala regola generali, illi "l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni". B`dana kollu nsibu fis-subinciz (2) tal-istess artikolu illi d-dritt ta` rapprezentanza tal-Gvern jinvesti fl-Avukat Generali fil-kaz ta` dawk "l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat- talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad- dipartimenti l-ohra tal-Gvern".*

*Wara ezami tal-kawzali, u wara li qieset dak li nghad mir-rikorrenti fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur tar-rikorrenti fil-kawza tal-lum ghar-raguni illi jekk jirrizulta ppruvat li l-allegati lezjonijiet lamentati mir-rikorrenti huma imputabbli lit-Tarzna ta' Malta, bis-sahha tal-Kap 3(1) tal-Kap 466, ghandu jwiegeb il-Gvern ta` Malta. Billi fil-kaz tat-Tarzna ta` Malta, ma tistax tiskatta r-rapprezentanza gudizzjarja skond l-Art 181B(1) tal-Kap 12, certament tirrizulta r-rapprezentanza tal-Avukat Generali skond l-Art 181B(2).*

*It-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali u Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) qeghda tkun michuda."*

Dak li appena nghad gie konfermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Spiru Ellul et vs Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Ġenerali - Regolazzjoni Dwar is-Saħħa Pubblika) et deciz fit-28 t'April 2016**[19]**.**

Din il-Qorti ma tara ebda raguni valida il-ghala ghandha tiddipartixxi minn dawn il-konkluzjonijiet.

**Ghaldaqstant qeghda tabbraccja l-konkluzjonijiet tal-Qorti fis-sentenzi appena citati, u tiddikjara li kemm it-Tabib Principali tal-Gvern kif ukoll l-Avukat Generali (li ghandu r-rapprezentanza residwa tal-Gvern) huma legittimi kontraditturi ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.**

Ghal dak li jirrigwarda **l-Kummissarju tal-Pulizija** ghalkemm, kif inghad, ma tressqet ebda eccezzjoni formali ghan-nom tieghu, fis-sottomossjonijiet taghhom l-intimati *Policy Manager tal-Malta Shipyards et* jargumentaw illi dan il-kjamat ukoll ma huwhiex legittimu kontradittur il-ghaliex huwa qatt ma kellu l-funzjoni tat-tmexxija tat-Tarzna. Tali funzjoni skont dawn l-intimati tappartjeni nvece lill-Korporazzjoni mwaqqfa permezz ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta.

Minn naha tieghu ir-rikorrenti talbu l-kjamat fil-kawza ta' dan l-intimat ghax fi kliemu *"sal-lum il-gurnata l-esponenti ma gewx mgharrfa mill-Kummissarju tal-Pulizija jekk sarux xi tip ta' nvestigazzjonijiet minnhom, u jekk iva x'kien l-ezitu ta' tali nvestigazzjonijiet*[20]*."* Huma jsostnu li dan l-agir jimplika l-ksur tal-Artikolu 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fir-rikors tal-appell taghhom mis-sentenza preliminari tat-28 ta' Frar 2014, huma jinvokaw il-htiega tal-prezenza tal-Kummissarju tal-Pulizija f'din il-kawza fil-

[19] Rik Kost Nru 28/15AF
[20] Rikors a fol 227-228

kuntest tal-allegat dritt taghhom ghal investigazzjoni shiha ghal kull mewt jew hsara gravi lill-persuna f'cirkostanzi li jidhlu taht l-artikoli 2 u 3 tal-konvenzjoni; u fil-kuntest tal-allegat dritt li jiskattaw proceduri kriminali kontra min kien responsabbli ghall-mewt tar-rikorrent[21].

Tajjeb jigi osservat dak li rrizulta mix-xhieda ta**l-Ispettur Jesmond Borg**[22] mill-Ghassa ta' Bormla ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa qal li minn ricerka li ghamel fid-*database* elettronika taghhom li tirrisali sal-1997, huwa ma sab ebda dokument, informazzjoni jew rapport dwar danni jew mewt ikkawzati mill-asbestos. Huma lanqas ma rcevew rapport minghand ir-rikorrent Spiteri jew familjari tieghu dwar l-asbestos. Ix-xhud qal ukoll li ma hix fil-kompetenza tal-Korp tal-Pulizija li taghmel policy dwar l-asbestos[23]. F'kazi fejn ikun hemm incident fuq il-post tax-xoghol b'riskju imminenti ghall-hajja tal-persuna hemm procedura li tigi segwita fosthom b'inkjesta Magisterjali. Izda f'kazijiet fejn persuna tmut minhabba marda li tizviluppalaha minhabba l-ambjent tax-xoghol li tahdem fih, il-Pulizija ma tigix infurmata[24].

Il-Qorti tqis li minn dak li rrizulta fl-atti tal-kaz ma hemm beda ness bejn ir-rwol tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ilmenti tar-rikorrenti li jista' b'xi mod jaghti lok ghal relazzjoni guridika bejniethom. Din hija kawza naxxenti minn allegazzjonijiet dwar il-konsegwenzi tal-espozizzjoni ta' George Spiteri ghall-asbestos fuq ix-xoghol, **li grat tul medda twila ta' zmien,**[25] liema kwistjoni ma taqax fil-mansjonijiet investigattivi tal-Kummissarju tal-Pulizija kif irrizulta mix-xhieda ta' l-ispettur Borg. Anzi l-Kummissarju lanqas biss ikun infurmat dwar kazijiet simili. Irrizulta wkoll li l-Pulizija qatt ma rceviet rapport specifiku biex tinvestiga l-mewt ta' George Spiteri, lanqas der resto minn dawk l-aktar direttament interessati cioe l-istess George Spiteri u l-familja tieghu darba anke

[21] Fol 331 - 332
[22] Fol 112 et seq
[23] Sottolinear tal-Qorti
[24] Sottolinear tal-Qorti
[25] Enfazi tal-Qorti

li saru konxxji tan-ness bejn il-hsara fisika u l-konsegwenti mewt u l-esposizzjoni ghal materjal nociv.

Kif intqal mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fil-kaz **Brincat and others v Malta[26] deciz fl-24 ta' Lulju 2014 -**

*125. It follows that it cannot be said that the circumstances of Mr Attard's death were confined within the knowledge of state officials and therefore that the Government should have conducted an investigation ex officio.*

*126. The Court further notes that there was nothing preventing the applicants from lodging a complaint inorder to bring their concerns to the Government's attention. In these circumstances, the applicants in application no. 62338/11 should have at least lodged a complaint with the relevant authorities concerning the death of Mr Attard and requested an investigation and the prosecution of those responsible. However, no such action was undertaken by the applicants."*

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-Kummissarju tal-Pulizija ma huwhiex legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

L-intimat **Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol** ukoll jikkontendi li huwa m'huwhiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti. Is-seba' eccezzjoni tieghu tghid hekk:

[26] App. Nru 60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 and 62338/11

*"Illi preliminarjament ukoll l-Awtorita' intimata ma hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi bl-ebda mod ma tirrispondi ghall-addebiti mressqa kontra taghha u bl-ebda mod ukoll ma jista' jinghad illi kien hemm xi agir da parti ta' l-istess Awtorita' illi b' xi mod seta lleda d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnu pretizi."*

L-eccezzjoni 14 abbinata maghha tghid hekk:

*"Illi effettivament ghalkemm ir-rikorrenti kien impjegat mad-Drydocks mis-snin sittin sa l-1981, l-Awtorita' intimata twaqqfet biss f'Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002)."*

L-Awtorita' targumenta li hija ghandha tigi liberata minn kull addebitu ta' allegat ksur ta' drittiijiet kostituzzjonali u konvenzjonali fil-konfront tar-rikorrenti stante li l-ilment tar-rikorrenti jirrisali ghal perjodu meta l-Awtorita' ma kinitx ghadha giet kostitwita u ghalhekk l-istess Awtorita' ma tistax tirrispondi ghat-talbiet tal-istess rikorrenti.

Mill-lat legislattiv jirrizulta s-segwenti:

- L-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol **gie promulgat fis-17 ta' Novembru 2000** (Att Nru XXVII tal-2000)[27];
- Bis-sahha ta' dan l-Att, l-Awtorita' inghatat fost ohrajn ir-responsabbilta' *"li tizgura li jingieb 'il quddiem u li tizgura li jkun salvagwardat minn kull min ghandu dak l-obbligu il-gid fiziku, psikologiku, u socjali tal-haddiema kollha fil-postiijiet kollha tax-xoghol[28]"* kif ukoll li *"tizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta' fuq il-postijiet*

[27] Kopja esibita in atti a fol 417 et seq
[28] Art.4 (2) tal-Att

*tax-xoghol kif stabbiliti b'dan l-Att u b'regolamenti maghmulin taht dan l-Att*[29]*.";*

- L-Att iddahhal fis-sehh bis-sahha ta' zewg Avvizi Legali. L-Avviz Legali 121 tal-2001[30] gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima III (artikolu 8 sa artikolu 14) b'effett mit-**3 ta' Mejju 2001**; u l-Avviz Legali 9 tal-2002[31] gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet kollha tal-Att li kien fadal b'effett mid-**9 ta' Jannar 2002**;
- Jirrizulta li fost l-Avvizi Legali li gew promulgati taht dan l-Att kien hemm **l-Avviz Legali 123 tal-2003** ntitolat *Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Haddiema mir-riskji li jinholqu meta wiehed ikun Espost ghall-Asbestos fuq il-Post tax-Xoghol, 2003* liema Avviz Legali **dahal fis-sehh fis-16 ta' Mejju 2003**;
- Sussegwentement din il-ligi sussidjarja giet rimpjazzata bl-**Avviz Legali 323 tal-2006** ntitolat *Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Haddiema mir-riskji li jinholqu meta persuna tkun esposta ghall-Asbestos fuq il-Post tax-Xoghol.* Dan l-Avviz Legali **gie fis-sehh fil-15 ta' Dicembru 2006**.

Sintetikament il-lanjanzi tar-rikorrenti jirrivolvu madwar nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet koncernati ghal dak li jolqot sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol fejn fir-rigward espozizzjoni tal-haddiema ghall-asbestos **fil-perjodu li fih George Spiteri kien impjegat it-Tarzna** u; (ii) il-konsegwenzi li huwa u l-familja tieghu sofrew kawza tan-nuqqasijiet imsemmija **f'dan l-istess perjodu**.

Il-Qorti tinnota li fir-rikors promotur ir-rikorrent jattribwixxi responsabilta' ghall-ilment imressaq minnu fuq l-awtoritajiet tas-Sahha, il-Ministeru "li tahtu taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari" u d-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

[29] Art.5 tal-Att
[30] Kopja esibita in atti a fol 448
[31] Kopja esibita in atti a fol 449

Kif xehed l-istess rikorrent, huwa dahal jahdem it-Tarzna **f'Novembru 1958** u rtira mill-impjieg **f'Ottubru 1980**[32]. **Isegwi allura li fil-perjodu kollu li huwa dam jahdem hemm, l-Awtorita' ntimata ma kinitx tezisti**. Certament ghalhekk la ma hemm ebda lment li l-istess Awtorita' tista tirrispondi ghalih f'dawn il-proceduri, ma tista' tinbet ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol.

L-istess konkluzjoni waslet ghaliha din il-Qorti fil-kaz citat ta' Mary Grace Farrugia et vs **Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu et.** fir-rigward ta' wiehed mir-rikorrenti -

*"Sabiex twiegeb ghal dak li qeghdin jipprospettaw ir-rikorrenti, il-Qorti trid ta` bilfors, anke fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari, taghmel analizi tal-izvilupp legislattiv fil-qasam tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, fil-kuntest tal-fatti ta` dan il-kaz :-*

*1) Jirrizulta li Andrew Psaila miet fil-25 ta` Awissu 1988. U beda jahdem it-Tarzna ta` Malta fit-30 ta` Marzu 1959.*

*2) Matul iz-zmien kollu li Andrew Psaila kien impjegat mat-Tarzna ta` Malta, il-ligi specjali li kienet tirregola s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol kienet l-Ordinanza dwar il-Fabbriki tal-1940 – dik li kienet il-Kap 169 tal-Ligijiet ta` Malta. Skond din il-ligi, l-infurzar tal-ligi principali u tar-regolamenti li saru bis-sahha tal-Ordinanza kienet tispetta principalment lid-Direttur tax-Xoghol, u limitatament ghal xi aspetti ta` sanita` fuq il-post tax-xoghol, lit-Tabib Principali tal-Gvern.*

*3) L-Ordinanza kienet revokata bl-Att VII tal-1994 u cioe` l-Att dwar il-Promozzjoni tas-Sahha u tas-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 367 tal-*

---

[32] Affidavit tieghu a fol 42 et seq, para 2 u 10

*Ligijiet ta` Malta) li dahal fis-sehh fl-intier tieghu fl-1 ta` Mejju 1995. Anke taht din il-ligi, l- infurzar kien jispetta lid-Direttur tax-Xoghol. Il-ligi kellha wkoll saving clause li permezz taghha r-regolamenti kollha li saru bis-sahha tal-Ordinanza baqghu fis- sehh.*

*4) L-Att VII tal-1994 kien revokat bl-Att XXVII tal-2000 dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta` Malta) li dahal fis-sehh in parte fit-3 ta` Mejju 2001 u l-bqija fid-29 ta` Jannar 2002. Din id- darba, l-obbligu tal-infurzar qalb lista twila ta` funzjoni gie jispetta lill-Awtorita`. Anke taht din il-ligi, dahlet ukoll saving clause li permezz taghha r-regolamenti kollha li saru bis-sahha tal-Kap 169 u tal-Kap 367 baqghu fis-sehh.*

*Dan kollu jfisser illi jekk ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw minn ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom minhabba karenza ta` infurzar u dmirijiet ohra relatati, ma jistghux iharrku lill-Awtorita` ntimata ghal dak l-iskop billi dik ir-responsabilita` tal-Awtorita` ma kenitx fis-sehh qabel t-3 ta` Mejju 2001.*

***Din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi fejn ir-rikorrenti riedu jimputaw rapport guridiku lill-Awtorita` ntimata, ma jistax ikun kopert mill-Avukat Generali skond l-Art 181B(2) tal-Kap 12 billi l-head of government in whose charge the matter in dispute falls (riferibbilment ghn-nota ta` osservazzjonijiet tar- rikorrenti) ghadu hemm sal-lum, u dan huwa d-Direttur Responsabbli mill-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, li minkejja l-bidla fid-desinjazzjoni tieghu, ha fuqu d-dmirijiet kollha li kellu d-Direttur tax-Xoghol, specjalment fil-kaz ta` din id- dispute li ddur kemm iddur tirrigwarda xejn izjed u xejn anqas iz-zmien meta d- Direttur tax-Xoghol kien***

***responsabbli ghall-ilmenti tar-rikorrenti, li naturalment ghad iridu jigu ppruvati fil-mertu[33].”***

Dan l-insenjament gie konfermat ukoll fir-rigward ta’ wiehed mir-rikorrenti li s-sitwazzjoni tieghu kienet komparabbli ma’ dik tar-rikorrent odjern fil-kaz **Spiru Ellul et vs Tabib Principali tal-Gvern et** suriferita.

Inoltre u kif tajjeb issenjalat l-Awtorita’ ntimata, anke l-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fil-kaz b’mertu simili ghal dak odjern fl-ismijiet **Brincat and others v Malta** ghamlet din l-osservazzjoni:

*“Additionally, in relation to the Government’s reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could therefore not have been a source of information before that date[34].”*

**Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti sejra tilqa’ l-eccezzjonijiet numru 7 u 14 tal-Awtorita’ ntimata u tiddikjaraha bhala mhux legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti.**

## C. Mertu

Sorvolati dawn l-eccezzjonijiet preliminari, l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-lanjanzi tar-rikorrenti fil-mertu. Sabiex tkun f’qaghda li tikkunsidra t-talbiet tar-rikorrenti, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit ness bejn dak allegat (espozizzjoni tar-rikorrent ghall-asbestos), l-effetti li din l-espozizzjoni kellha

[33] Tipa grassa b’enfasi tal-Qorti
[34] Para 114 tas-sentenza

fuq sahhet ir-rikorrent u familtu, kif ukoll ir-rwol/responsabbilta' tal-intimati Tabib Principali tal-Gvern u Avukat Generali f'din il-vicenda.

a. **Provi**

Mix-xhieda tar-rikorrent **George Spiteri**[35] irrizulta li hadem ghal snin twal gewwa t-Tarzna ta' Malta. Gie mpjegat f'Novembru 1958 bhala *boilermaker apprentist* u fl-1964 sar *Tradesman Boilermaker*, liema kariga baqa' jokkupa sal-1980. Huwa jghid hekk-

*"4. Jiena dejjem niftakar li matul l-impjieg tieghi kollu bqajt niltaqa' ma' l-asbestos kontinwament. Dana kien jintuza bhala insulator u allura kien jintuza f'partijiet mill-bastimenti sabiex ma tintilifx jew ma tidholx is-shana ez: mal-boilers, mal-pajpijiet, fis-suffitti u l-kabini, mal-valvi ta' l-isteam, u mat-turbini.*

*5.L-asbestos kien jigi fl-ghamla ta' hbula, drapp, u bhala kompost sabiex jimla tip ta' saqqijiet li imbaghad kienu jigu imdawwrin madwar l-oggett li kien irid jigi nsulat. Kien jigi ukoll f'ghamla ta' trab li jithallat ma' l-ilma u jiksi partijiet li kienu jridu jigu insulat. Baqa jigi ordnat u prezenti bhala staple item fl-istores tat-tarzna sal-bidu tat-tmeninijiet;*

*6. Barra minn hekk il-bastimenti li kienu jidhlu kollha kienu nsulati bl-asbestos. Dan l-asbestos kienu jnehhuh mill-postijiet li kellhom jigu repaired il-luggers. Meta dan jitnehha l-arja kienet tkun mimlija bl-ghabra tal-asbestos. Niftakar li gieli jien u l-kollegi tieghi konna nitkellmu mac-Chief Engineer, Chief Officer jew ufficjali li kienu jkunu nkarigati sabiex jissorveljaw ix-xoghol li nkunu qed naghmlu ahna fil-bastiment partikolari u kienu jghidulna li dak il-*

[35] Affidavit a fol 42 et seq

*bastiment ma kienx gie accettat f'drydocks ohrajn barra minn Malta. Qatt ma nghatajna ragunijiet ghal dan.*

*7. L-ewwel darba li jiena kelli hjiel li l-espozizzjoni ghall-asbestos hi daqstant perikoluza kien fl-ahhar tas-sebghinijiet meta miet il-Lugger Pawlu Pellicano u sar maghruf li huwa miet kawza tal-asbestos. Jien u shabi tax-xoghol bdejna nissuspettaw illi l-kagun tal-mewt ta' uhud minn shabna seta' kien kagun ta' l-asbestos.*

*8. Kien madwar iz-zmien li miet Pawlu Pellicano, jew ftit wara, li l-istores tad-dipartiment bdew jipprovdu maskli li jghattu il-halq u l-imnieher u maghmulin minn tip ta' carruta. Wara z-zmien sewwa sirt naf li ma kinitx sufficjenti ghaliex l-asbestos xorta kien jghaddi minn din il-maskla. L-asbestos kien ikun imwahhal ma hwejjigna, mal-gilda u x-xaghar tal-haddiema. Niftakar ukoll li kemm il-darba kont niehu l-hwejjeg tax-xoghol id-dar sabiex il-mara tkun tista' tahsilhomli. Dawn il-hwejjeg kienu jkunu mimlijin bl-ghabra tal-asbestos."*

Ir-rikorrent izid li mal-irtirar tieghu mit-Tarzna fl-1980 huwa kompla jahdem band'ohra izda n-natura tax-xoghol kienet differenti. Huwa perswaz illi wara li rtira mit-Tarzna qatt ma rega' gie espost ghall-asbestos. Intant huwa rcieva dijanjosi tal-marda maghrufa bhala *epithelioid mesothelioma* liema marda gie nfurmat hija kkawzata unikament minn espozizzjoni ghall-asbestos. Qabel din il-marda huwa kien fi stat tajjeb ta'sahha, ma jpejjipx, attiv - jghum spiss, jahdem ir-raba' jghin fix-xoghol ta' daru u ta' uliedu. Kien ibati biss minn ftit tal-pressjoni izda din kienet ben kontrollata bil-medicinali. Huwa kien iqatta' hin mal-mara, ma' wliedu u man-neputijiet.

Is-sitwazzjoni ta' sahhtu hadet svolta meta f'Settembru tal-2008 hass ugiegh fil-parti tal-lemin ta' sidru u beda jesperjenza qtugh ta' nifs aktar frekwenti. Fl-1 t'Ottubru ttiehed l-isptar fejn it-testijiet li sarulu taw lok ghal aktar investigazzjonijiet medici. Huwa nghata r-rizultat nhar l-24 t'Ottubru 2008 meta gie nfurmat li kellu *malignant mesothelioma*. Huwa gie referut ghand onkologista li minn naha tieghu issuggerixxa t-tehid tal-kimoterapija, izda biss bhala trattament paljattiv u mhux kurattiv. Ir-rikorrent beda l-kimoterapija fil-5 ta' Novembru 2008 u stqarr li minhabba din il-marda hu u l-familja tieghu kienu ghaddejjin minn zmien iebes.

**Ir-rikorrent miet nhar it-8 ta' Lulju 2010 u l-kawza tal-mewt hija *malignant mesothelioma* u *hypertension*[36].**

**Louis Castagna**[37], kien gie mpjegat mal-Malta Drydocks fil-25 t'Awissu 1965 bhala *apprentice boiler-maker* u eventwalment fl-1994 sar *Foreman* tal-*boilermakers*. F'din il-kariga, li huwa baqa' jokkupa sal-2008 meta rtira, kellu wkoll f'idejh il-*luggers*, l-*engine side welders*, l-*stager-slingers* u il-*boiler-cleaners*. Fix-xhieda tieghu huwa kkonferma sostanzjalment dak li qal ir-rikorrent dwar l-espozizzjoni b'mod generali tal-haddiema ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol. Huwa jzid jghid li anke l-hajt li kien jintuza biex ihit id-drapp tal-asbestos kien ikun maghmul mill-asbestos. Dan il-materjal, apparti li kien jigi f'forma ta' trab kif ukoll f'forma ta' *slabs*. Ix-xhud isemmi li l-bastimenti bl-asbestos baqghu jidhlu gewwa t-tarzna kwazi sa meta rtira fis-sena 2008. Anke wara li lhaqt Foreman l-asbestos xorta kien jigi mnehhi u mmaneggjat mill-haddiema tat-tarzna stess. Anke jekk kien jigi mmaneggjat b'certu attenzjoni f'dak iz-zmien, jigifieri fid-disghinijiet, xorta wahda l-asbestos kien ikun sostanzjalment prezenti fl-arja tat-tarzna specjalment fl-ambjent li li l-

[36] Certifikat tal-mewt a fol 90
[37] Affidavit a fol 27 et seq

haddiema kienu jahdmu fih peress li dan ma kienx jitnehha b'manjiera professjonali. Ghaddew is-snin, circa lejn l-ahhar tas-snin disghin li l-asbestos beda jigi mnehhi minn kumpanija barranija li skont Castagna kienet maghrufa bhala Cape East. Biex taghmel din il-procedura din il-kumpanija kienet iddawwar iz-zona koncernata bil-plastik u dan sabiex tigi kontrollata l-kontaminazzjoni u ma tohrogx barra.

Louis Castagna jirrakonta li huwa ha idea dwar il-periklu assocjat mal-asbestos ghall-ewwel darba lejn l-ahhar tas-snin sebghin meta mal-mewt ta' kollega tieghu Pawlu Pellicano sar maghruf li l-mewt kienet b'rizultat tal-asbestos. Ix-xhud jaghmel referenza ghal proceduri fil-qrati li kienu gew istitwiti minn familjari ta' Pellicano u dan ghalih ifisser "*li anke l-awtoritajiet kienu jafu bil-perikolu ta' l-asbestos miz-zmien li nfethet il-kawza*[38]*.*"

Ix-xhud izid li perjodikament hu u l-kollegi tieghu tax-xoghol kienu jintbaghtu jiehdu *x-ray* tas-sider. Qabel l-2003 huwa qatt ma nghata kopja, access jew xi forma ta' nformazzjoni dwar l-x-rays u/jew l-interpretazzjoni taghhom. Meta kien jistaqsi dwar dan lis-Senior Medical Officer ir-risposta kienet tkun li la *no news is good news.* Kien wara l-x-ray li ha fl-2003 li x-xhud gie nfurmat mis-Senior Medical Officer li huwa ghandu l-asbestos fil-pulmun. Testijiet privati ohra li ghamel ikkonfermaw din il-prezenza ta' asbestos. Ix-xhud jinsisti li din il-kundizzjoni hija irriversibbli u tista' biss tiddeterjora. L-ahhar x-ray li t-tarzna baghtitu jaghmel kien f'April tal-2007. Ghalkemm huwa talab lis-*Senior Medical Officer* sabiex isselfu l-x-ray biex ikun jista' jurih lil professur kuranti tieghu hija originarjament accettat izda wara nfurmatu li dan ma kienx possibbli in vista ta' struzzjonijiet li rceviet minghand is-superjuri taghha[39].

---

[38] Fol 28 para 8. Kopja tas-sentenza li ghaliha ghamel referenza x-xhud fl-ismijiet **Mary Pellicano pro et noe vs Francis Spiteri noe deciza fis-27 ta' Gunju 1990** hija esibita a fol 31 et seq tal-process
[39] Fol 29 para 11

**Joseph Spiteri**[40] li kien dahal jahdem it-tarzna fl-1956 u rtira fl-1997, ukoll ikkonferma dak li qal Louis Castagna dwar il-prezenza regolari tal-asbestos fit-tarzna u l-espozizzoni tieghu u ta' shabu ghaliha. Huwa jghid ukoll li l-ambjent tat-Tarzna kien mimli asbestos; sahansitra t-tankijiet tal-ilma fit-tarzna kienu maghmulin mill-asbestos. Huwa jghid li meta kien stazzjonat gewwa l-istores tat-Tarzna huwa kemm il-darba miss u ssuplixxa l-asbestos lill-haddiema. Inoltre jzid li l-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos kienet matul il-kors kollu tal-impjieg tieghu fit-Tarzna. Semma wkoll diversi haddiema tat-tarzna li hu jghid mietu wkoll kawza tal-asbestos li belghu.

**John Galea**[41], haddiem tat-Tarzna bejn l-1955 u l-2001 beda bhala *apprentice boilermaker* u eventwalment sar Storekeeper b'xoghlu kien li jordna u jissuplixxi l-ghodda u s-safetywear lill-haddiema tad-Dipartiment tal-*Boilermakers*. Dan id-Dipartiment kien jinkorpora kemm lill-*boilermakers* kif ukoll il-*luggers/bricklayers, welders, stager/slingers* u *boiler-cleaners.* Huwa jikkonferma diversi aspetti tax-xhieda tal-kollegi l-ohra li xehdu f'din il-kawza dwar il-prezenza regolari u kontinwa tal-asbestos fl-ambjent tax-xoghol taghhom. Huwa jghid li ukoll li –

*"L-asbestos kien jigi ordnat mill-Main Stores Department u la jasal it-tarzna kien jigi mahzun fil-mainstores tat-tarzna f'post underground fil-general stores number 7 li qabel kien jintuza bhala boiler-shop. Ic-chargeman kien imbaghad jaghmel il-material requisition bil-miktub. Kienu jkunu l-luggers li kienu jmorru jgibu l-asbestos mill-istores*[42]*."*

Dan ix-xhud jghid li huwa gie espost ghall-asbestos fil-kors kollu tal-impjieg tieghu mat-Tarzna kemm bhala *boilmaker* u anke bhala *storekeeper*. Kellu

[40] Affidavit a fol 35-35
[41] Affidavit a fol 36 et seq
[42] Fol 37 para 6

espozizzjoni diretta ghal dan il-materjal minhabba n-natura tax-xoghol tieghu ta' *boilmaker* izda din l-espozizzjoni pperdurat anke meta kellu l-kariga ta' storekeeper ghaliex –

*"....fl-ewwel lok kien dejjem prezenti fl-atmosfera tat-tarzna u fit-tieni lok ghaliex il-haddiema tad-dipartiment tieghi kienu jigu jbiddlu l-hwejjeg tax-xoghol taghhom l-istore fejn kont nahdem jien u l-overalls taghhom kienu kontaminati bl-asbestos. Min jaf ukoll kemm il-darba kienu jgibu xoghol lest ta' l-asbestos biex jittiehed minn shabhom li kienu dehlin f'xift iehor[43]."*

Dan ix-xhud jghid ukoll li fl-1997 huwa nsista mal-Manager tad-Departiment tieghu biex jaghmel *x-ray*, fejn giet konfermata l-prezenza tal-asbestos fuq iz-zewg nahat tal-pulmun, liema kundizzjoni tista' biss tmur ghall-aghar. Huwa jghid li spiss ikollu qtugh ta' nifs u jkollu jaghmel kollox bil-mod[44]. Huwa jiftakar ukoll f'diversi kollegi tieghu tax-xoghol li jghid mietu ghax gew esposti ghall-asbestos[45].

Mill-lat mediku, xehed il-**Professur Joseph Cacciattolo** imressaq mir-rikorrent fil-kwalita' tiehu ta' Kap tad-Dipartiment tal-Medicina fl-Universita' ta' Malta u *Consultant Respiratory Physician fid-Dipartiment tas-Sahha*[46]. Huwa kkonferma li r-rikorrent kienet zviluppatlu l-kundizzjoni msejha *pleural effusion* u wara testijiet ulterjuri gie skopert kellu *pleural mesothelioma*, li huwa kancer tar-rita (lining) tal-pulmun. Huwa qal hekk –

*"Jiena ma kelli l-ebda dubbju li l-marda li kien isofri biha s-Sur Spiteri kienet kawza diretta tal-fatt li kien espost ghall-asbestos."*

---

[43] Fol 39 para 13
[44] Fol 39 para 14
[45] Fol 38 para 8
[46] Fol 73 et seq – **Il-Qorti tinnota li d-dokument CM1/2 li ghalih saret riferenza mid-difensur tar-rikorrent waqt id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud mhuwiex esibit in atti**

Il-Professur xehed estensivament dwar l-effetti tal-asbestos fuq is-sahha tal-bniedem:

*"D: Tista' tikkonferma n-ness esklussiv bejn l-espozizzjoni ghall-asbestos u l-pleural mesothelioma?*

***R: Nghid li iva hemm relazzjoni kawzali, 'a direct causal relationship' bejn l-espozizzjoni ghall-asbestos u l-pleural mesothelioma[47].*** *Niccara li l-pleural mesothelioma hija cancer tar-rita (lining) tal-pulmun.*

*D. Liema tipi ohra tal-cancer jew mard serju ohra jistghu jirrizultaw minhabba l-exposure ghall-asbestos.*

*R. L-exposure ghall-asbestos, tista' tirrizulta fi mesothelioma tar-rita (lining) tal-msaren, tar-rita ta'madwar il-qalb u tar-rita ta' madwar it-testikoli. Minbarra hekk l-asbestos huwa kawza ta' tip ohra ta' cancer tal-pulmun innifsu. Bniedem li huwa espost ghall-asbestos jista' jizviluppa asbestosis li hija marda li taffettwa l-pulmun billi tikkawza fibrosis li hija marda serji li ggieghel il-pulmun jickien u jonqos mill-funzjoni tieghu. L-asbestos jista' ukoll jikkawza qxur fil-pleura li hija r-rita madwar il-pulmun.*

Il-Professur qal ukoll li evidenza xjentifika li tassocja l-espozizzjoni ghall-asbestos mal-kancer tirrisali ghas-sena 1938. Eventwalment in-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma* kien gie ndikat fil-*British Medical Journal* 1960. **F'dik l-epoka, dan il-gurnal mediku kien wiehed miz-zewg gurnali medici principali li kienu jinqraw mit-tobba Maltin.[48]**

---

[47] Emfasi tal-Qorti
[48] Enfazi ta' din il-Qorti

Invece ghal dak li hu ness bejn it-tipjip u l-kancer tal-pulmun, dan kien gie stabbilit ghal habta tal-1950 u kien anke gie ndikat fil-gurnali medici. Id-Dipartiment tas-Sahha f'Malta kien ghamel kampanja ta' nformazzjoni li bdiet bejn wiehed u iehor fl-1986. Il-Konsulenti tal-isptar kienu hargu wkoll *statement of concern.*

Dwar dan in-ness din il-Qorti *sua sponte* marret ftit oltre minn dak mitqal mill-Profs Cacciattolo, gia fih innifsu hu awtorita' in meterja, jirrizultalha mir-ricerki taghha dwar dan it-tip ta' kancer li; *"Malignancies involving mesothelial cells that normaly line the body cavities, including the pleura, peritoneum, pericardium, and testis, are known as malignant mesothelioma. Asbestos, particularly the types of amphibole asbestos known as crocidolite and amosite asbestos, is the principal carcinogen implicated in the pathogenesis of malignant pleural mesothelioma."*[49]. Ukoll "*Contact with asbestos is te leading cause of mesothelioma cancer, as nearly every patient diagnosed with this aggressive cancer came in contact with it at some point in time. Mesothelioma caused by asbestos exposure commonly occurs occupationally, environmentally or as a result of secondhand exposure."*[50]

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandu jkun hemm ebda dubbju bejn l-esposizzjoni ghal asbestos u l-marda konsegwenti soffruta mid-decedut rikorrenti George Spiteri.

**Dwar mizuri li jolqtu s-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol fl-epoka tal-impjieg tieghu,** ir-rikorrent George Spiteri xehed illi -

[49] Medscape 23/04/2014 Winston W.Tan, MD, FACP
[50] Mesothelioma Causes and Risks Factors: Asbestos Exposure https://www.asbestos.com /mesothelioma/causes.php

*"3. Lejn in-nofs tas-sittinijiet niftakar forma ta' Safety Department fit-tarzna, li kellu jissorvelja u jimplimenta mizuri sabiex il-haddiema jahdmu f'certu sigurta'. Barra minn hekk, matul l-impjieg tieghi kollu mat-tarzna, l-istess dejjem kellha mpjegat full-time maghha tabib jew tabiba bhala Senior Medical Officer. Matul l-impjieg tieghi kollu qatt ma kien hemm Senior Medical Officer li nfurmana, anke minimament, dwar il-hsara li jikkawza l-asbestos*[51].

L-ezistenza u r-rwol tas-*Safety Department* fit-Tarzna giet konfermata mill-kollegi l-ohra tar-rikorrent li xehdu f'din il-kawza – Louis Castagna[52], Joseph Spiteri[53] John Galea[54] u William Handy[55].

**Louis Castagna** isemmi wkoll xi persuni li kienu jiffurmaw parti minn dan id-Dipartiment tas-Sigurta'[56] –

*"Matul iz-zmien kollu, li jiena kont nahdem id-drydocks dejjem kien hemm xi forma ta' Safety Department, li kellu jissorvelja u jimplimenta mizuri sabiex il-haddiema jahdmu f'certu sigurta'. Niftakar li fil-bidu kien hemm is-Sur Tommy Seychell bhala Manager tas-Safety Department, u aktar tard niftakar li fl-istess kariga kien hemm is-Sur Joe Saliba. Maz-zmien, pero' m'inix cert meta ezatt, iffurmat ukoll Safety Council tat-Tarzna. Barra minn hekk id-drydocks dejjem kellha mpjegat full-time maghha tabib jew tabiba bhala Senior Medical Officer."*

**John Galea** jikkorrobora d-dettalji moghtija minn Louis Castagna dwar id-Dipartiment tas-Sigurta'[57].

---

[51] Affidavit tieghu a fol 42 para 3
[52] Fol 26 para 4
[53] Fol 34 para 3
[54] Fol 36 para 4
[55] Fol 40 para 3
[56] Fol 26 para 4

B'referenza specifika ghall-asbestos, i**r-rikorrent** jghid hekk -

*"Niftakar li wara li nxterdet l-gharfien li l-asbestos kien ta' dannu kbir ghal sahhet il-bniedem, jigifieri matul in-nofs tas-sebghinijiet, is-Safety Officers kienu jigbdulna l-attenzjoni biex nilbsu l-maskla li semmejt aktar 'il fuq. Qatt ma kellna xi laqgha jew course fuq l-asbestos. Ma nghatajna ebda nformazzjoni ghajr 'tafu x'intom tibilghu?'. Sa fejn naf jiena s-Safety Officers kienu jintaghzlu minn fost it-tarznari ta' kwalunkwe trade u sa fejn naf jien ma kellhomx xi training specifiku ghajr l-esperjenza hands on taghhom[58]."*

**Louis Castagna** izid li -

*"Hlief ghal laqgha wahda organizzata mill-Cape East li jiena attendejt volontarjament fil-Hotel Phoenicia lejn l-ahhar tad-disghinijiet, qatt ma kien hemm ebda tip t'informazzjoni ufficjali ohra dwar l-asbestos li nghatat lill-haddiema[59]."*

**John Galea**[60] jixhed li –

*"7. Madwar is-sena 1979/1980 kienet giet tabiba Amerikana it-tarzna. Silfi Pawlu Caruana, illum mejjet, kien Council Member fit-tarzna, u kien infurmani li t-tabiba Amerikana ukoll kienet gabet it-tarzna konxja ta' kemm hu perikoluz l-asbestos. Fil-fatt wara l-migja tat-tabiba Amerikana, Frans Spiteri, Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna, permezz ta' silfi Pawlu Caruana talabni biex jiena nara*

[57] Fol 36 para 3
[58] Fol 44 para 9
[59] Fol 29 para 10
[60] Fol 36 et seq

*jekk il-luggers ridux xi transfer minhabba li mill-x-rays tal-luggers li kellha f'idejha it-tarzna sabu li lkoll kienu morda b'mard relatat ghall-asbestos.*

……

*9. Dak iz-zmien li giet it-tabiba Amerikana, bhala rapprezentant tal-boilermakers fil-Kumitat tax-Xoghol insistejt li jsiru safety-precautions fil-post fejn jinhadem l-asbestos. Saru tibdiliet fis-sens li l-hanut fejn jinhadem l-asbestos sar bil-madum mill-art sas-saqaf, b'water-proof lights u kanal fejn jitbattal l-ilma sabiex ikun jista' jinhasel, u armat b'extractor fans. Il-hanut gie izolat minn fejn kienu jahdmu u jieklu l-haddiema. Dawn il-mizuri ad hoc ma kinux efficjenti ghaliex ezempju l-asbestos xorta kien itir fl-arja mill-extractors.*

*10.Fl-istores bdejt ikolli ukoll ghall-uzu tal-luggers biss safety overalls li kienu maghmulin min-nylon (li kien perikoluz fis-sens li jekk ikun hemm nar idub u jehel mal-gilda), maskli bhal bicca carruta tan-nylon tinqafel b'qafla bhal tal-kirurgi kif ukoll beritta tan-nylon.*

*11.B'dawn il-prekawzjonijiet il-haddiema kienu jahsbu li kienu protetti mija fil-mija mill-asbestos izda wara rrizulta li l-istess mizuri kienu inefficjenti ghar-raguni li asbestos kien jibqa' prezenti fl-ambjent u fl-arja tat-tarzna u kien xorta wahda jidhol fil-maskla. Kien id-Departmental Manager W.Montfort li kien ha d-decizjoni li jgib dan is-'safety wear'."*

Minn naha l-ohra **Ray Busuttil**, Supretendent tas-Sahha Pubblika xehed[61] illi minn tiftix li ghamel mis-sena 1956 'il quddiem, huwa ma rrintracca ebda dokumentazzjoni, informazzjoni jew direzzjoni dwar l-uzu tal-asbestos in

[61] Fol 273 et seq

generali fuq skala nazzjonali. Id-Dipartiment gieli rcieva mistoqsijiet individwali minghand persuni li jigu f'kuntatt mal-asbestos u dan sabiex jiggwidawhom dwar x'ghandhom jaghmlu f'tali sitwazzjoni. Ir-rwol tad-Dipartiment f'tali kazijiet simili huwa li jirreferu s-sitwazzjoni lil teams imwaqqfa appozitament – wiehed minnhom fit-Tarzna. Dawn it-teams huma separati mid-Dipartiment. Ix-xhud qal li bhala Dipartiment huma jkunu nvoluti f'kampanji li jolqtu s-sahha pubblika.

**Joseph Saliba** li kien jokkupa l-kariga ta' *Manager* ghas-Sahha u s-Sigurta' fil-Malta Shipyard xehed[62] illi t-Tarzna, hija tal-Gvern. Originarjament kienet il-Malta Drydocks u eventwalment saret il-Malta Shipyard. Dwar l-asbestos huwa qal li normalment jezistu sitt tipi pero' l-aktar komuni fosthom huma tlieta u jinsabu f'diversi prodotti – go lagging bhala *insulation, boards, insulation* fil-*wiring* ecc. Minn meta bdew jezaminawhom, fit-tarzna kienu tlieta t-tipi ta' asbestos li kienu l-aktar jiltaqghu maghhom, bl-aktar wiehed ikun dak imsejha *white asbestos*. Dan it-tip ta' asbestos huwa meqjus bhala l-inqas wiehed li jaghmel hsara. Imbaghad kellhom l-*amosite (brown asbestos)*, u l-aghar wiehed fost is-sitt tipi kien *crocidolite* – dan ftit li xejn kien jidhol it-Tarzna izda nstab minnu wkoll. Minn dan l-ahhar tip, xi darbtejn biss sabu minnu.

Dwar l-gharfien fuq l-effetti tal-asbestos huwa xehed li[63]:

*"...fid-dinja kollha damu hafna ma saru aware minnhom tant hu hekk li sat-2012 il-Kanada kienet ghadha taghmel mining ghal white asbestos ghaliex kienu jghidu li ma jaghmilx hsara*[64]*."*

---

[62] Fol 398 et seq
[63] Fol 400
[64] fol 401

Saliba jghid li meta f'Malta sar l-gharfien tal-effetti tal-asbestos, lejn nofs is-snin disghin (circa 1996) u t-Tarzna bdiet tiehu l-prekawzjonijiet li hemm bzonn u kienu javzaw lill-haddiema biex jekk jista' jkun ma jintmissx. Jekk pero' dan ma kienx possibbli kienu jitqabbdu nies apposta bis-*safety wear* apposta u l-area tigi *sealed*. Huwa semma li meta kien jidhol xoghol relatat ma' rikondizzjonament ta' xi vapur, kienu jgibu nies minn barra, jiehdu kampjuni, jaraw x'hemm u tittiehed il-prekawzjoni necessarja. Bhala ezempju semma li jekk kienet tkun ser tinqala panel u jkun hemm suspett li fiha l-asbestos, kien jittiehed kampjun, jigi analizzat u mbaghad tinghalaq l-area u jitnehha l-materjal skont il-bzonn. L-asbestos li kien jingabar kien jigi miksi sew fil-plastik u jinhazen go mini li kellha t-Tarzna. Fl-1999 ix-xhud kien anke intbaghat fl-esteru ghat-tahrig u wara gie certifikat bhala analist fuq l-*asbestos fibres*. Lejn l-ahhar ta' dik l-istess sena it-Tarzna xtrat l-apparat kollu mehtieg. F'Malta ma kienx hawn bhalu dan l-apparat u ma kienx hawn ohrajn li jaghmlu dan l-ezami. Meta mbaghad ingabar l-asbestos kollu, kienet harget tender ghall-esportazzjoni tieghu u b'dan il-mod dan il-materjal tnehha kompletament minn got-tarzna.

Ix-xhud ikompli li b'rizultat ta' dan l-gharfien fuq l-asbestos, lill-haddiema li kienu jizviluppaw xi problema ta' sahha kienu jintbaghtu l-isptar ghal testijiet. Imbaghad dawk il-haddiema, fosthom ix-xhud, li bhala parti minn xoghlhom kienu jiehdu l-kampjuni tal-asbestos, kienu jmorru l-isptar ghal testijiet tal-pulmun u check-ups medici bhala rutina. Ghal bidu kien hemm uhud li rrezistew dawn ic-check-ups izda maz-zmien is-sistema ndrat.

Qabel ma akkwistat dan l-gharfien izda, Saliba jirrikonoxxi li dawn il-prekawzjonijiet ma kinux jittiehdu ghax it-Tarzna ma kellhiex l-apparat u *know how* ta' kif isiru dawn it-testijiet. Huwa qal ukoll li sa minn zmien l-Inglizi l-haddiema tat-Tarzna kienu jinghataw *dangerous employment allowance* li eventwalment tnehhiet.

In kontro-ezami Saliba qal li meta huwa kien dahal jahdem it-Tarzna fl-1966 inghata tahrig izda l-asbestos qatt ma kien issemma. Huwa kkonferma li kienu jkunu f'kuntatt mal-asbestos ghax kien ikollhom rombli ta' asbestos sheets u peress li dan kien materjal tajjeb biex jilqa' kontra s-shana kienu juzawh u jqattghuh biex jaghmlu lqugh ta' diversi affarijiet. Apparti fit-tarzna dan il-materjal kien u ghadu jintuza f'setturi ohra fosthom f'gaskets ta' vetturi u tankijiet ta' l-ilma.

Ix-xhud qal ukoll li l-akbar periklu tal-asbestos huwa meta dan jigi mtaqqab jew isirlu *grinding* ghax l-ghabra tieghu tibda ddur fl-arja u jdum biex jinzel u jdum biex jissetilja malajr. Jekk l-asbestos jixxarrab, l-ghabra tinzel malajr. Minn naha l-ohra qal il-*high dense material* ma jaghmilx hsara ghax ma jkunx qed jaqa' asbestos minnu.

Xehed ukoll **Dr George Peplow**[65], gradwat fil-Kimika, li sa qabel ma rtira kien ukoll Lecturer l-Universita'. Illum il-gurnata ghadu jipprovdi konsulenza fejn tidhol il-kwalita ta' l-arja u fuq *sampling evaluation ta' l-asbestos*. Huwa xehed hekk:

*"....across the board kwalunkwe tip ta' asbestos dak li jissejjah blue, dak li jissejjah brown u white huwa perikoluz ghas-sahha, wiehed inqas mill-iehor pero' huwa perikoluz*[66]*."*

Zid li huwa ta' harsa generali lejn il-parametri stabbiliti mill-ligi llum fejn jidhol immanigjar, qlugh ecc ta' materjal tal-asbestos, liema parametri jesigu li l-livell ta' fibres tal-asbestos fl-arja biex il-post jigi meqjus sikur ghan-nies huwa baxx

[65] Fol 451 et seq
[66] Fol 452

hafna. Ix-xhud spjega wkoll li l-limitu ghall-espozizzoni ta' livelli tal-asbestos huwa baxx hafna wkoll fejn jidhol xoghol fuq il-vapuri.

Qal lil-proceduri sabiex issir hidma f'ambjent fejn ikun hemm espozizzjoni ghall-asbestos huma llum rigoruzi. Il-livelli ta' asbestos fl-arja jkunu qeghdin jigu mmonitorjati il-hin kollu u kif jinqabzu l-livelli, l-haddiema jridu johrogu minn hemm u jsir miljorament fil-kondizzjonijiet ta' l-arja. Dan billi tigi estratta l-arja, tigi sostitwita b'arja gdida pero' dik l-arja li tkun hemm fil-post tigi ffiltrata biex tnehhi l-fibri tal-asbestos mill-arja. U qabel ma jerga' jinzel il-livell tal-asbestos fl-arja, il-haddiema ma jithallewx jergghu jidhlu jahdmu hemm gew.

Dwar l-gharfien tal-effetti nocivi li l-espozizzjoni ghall-asbestos ghandha fuq is-sahha tal-bniedem, Dr Peplow xehed hekk:

*"…mill-esperjenza tieghi jiena l-Universita dhalt late '60s u diga kien hemm awarness, ghax ahna konna nuzaw fejn naghmlu l-burners kienu ta' l-asbestos, kello* (recte kellna *ovens ukoll li kienu insulated bl-asbestos u diga kienu qalulna isma ghoqodu attenti mill-asbestos ghax huwa perikoluz, pero' ma kienx hemm dik l-informazzjoni li tghidilna isma uzaw hekk, araw li l-limits ikunu daqshekk. Pero' l-awareness nemmen jiena li bdew dehlin late '60s early '70s bhala awareness, bhala ligijiet u anke fl-Ingliterra u anke fl-Ewropa u f'Malta wkoll, gew hafna iktar tard bhala ligijiet, pero' l-awareness kien hemm, kien jezisti dejjem.*

*Dr. J. Sultana: Pero' rigward Malta taf meta bdew jittiehdu xi mizuri, bdew isiru ricerki fuq dan l-asbestos?*

*Xhud: Li naf jiena ifhem kif qed nghidlek, awareness kien hawn, early '70s kien hawn, pero' dak iz-zmien li konna aware li isma jekk tuza l- asbestos ahsel idejk, ara li ma jigix fuq il-hwejjeg tieghek, ma kienx hemm l-ebda sens ta' limits of risks, method of testing, dawn gew kollha late '90s, early 2000."*

Ix-xhud indika li l-asbestos bhala prodott huwa uzat specjalment fuq il-vapuri u kien jintuza hafna bhala insulazzjoni ghal pajpijiet tal-ilma jahraq, bhala divizorji bejn parti u ohra tal-vapur. L-asbestos kien ukoll jintuza fil-bibien tal-vapuri peress li huwa *fire retardant*. Barra fuq il-vapuri kien u gieli ghadu jintuza bhala corrugated panel fuq certi soqfa.

Safejn jiftakar ix-xhud huwa qal li kien l-2003 meta harget l-ewwel ligi biex timmitiga kontra l-espozizzjoni tal-haddiema ghall-asbestos. Pero' l-projbizzjoni fl-Ewropa biex ma jigix importat l-asbestos u ma jigix manufatturat kien fil-bidu tas-snin tmenin. Minn dak l-istess perjodu f'Malta wkoll ma setax aktar jigi mportat u manufatturat l-asbestos. L-ewwel *standard test* li sar biex jigi stabbilit il-livell ta' perikolu tal-asbestos aktarx kien tal-Agenzija Amerikana ghall-protezzjoni tal-Ambjent fil-bidu tas-snin 90. Circa mill-2006 'l hawn il-metodu wzat huwa tal-World Health Organisation u stabilixxa limiti godda u aktar baxxi.

Ix-xhud elabora li dment li l-asbestos huwa nstallat f'post, ma jintmissx, ma jigix disturbat ftit li xejn jimmanifesta perikolu ghas-sahha. Izda mill-mument li dan il-materjal jigi rimoss, maqlugh jew mahdum, il-fibri tieghu jibdew jikkontaminaw l-arja u r-riskju ghas-sahha jikber sew.

**b. Rizultanzi u kunsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tqis li mill-provi mressqa gie muri li:

1. Mill-mument li r-rikorrent dahal jahdem it-Tarzna sakemm irtira, in-natura tax-xoghol li kien jaghmel kien kontinwament u regolarment igibu f'kuntatt dirett mal-asbestos li kien jidhol fit-Tarzna f'diversi ghamliet fosthom hbula, drapp kompost, *slabs* u anke trab;

2. Inoltre, minhabba l-prezenza tal-asbestos f'diversi partijiet tal-vapuri li kien jahdem fuqhom ir-rikorrent, kien jigi ta' spiss espost ghall-ghabra tal-asbestos, li fi kliemu, ma kinitx fi kwantitajiet zghar. Dan kien isehh partikolarment meta jinqala materjal tal-asbestos minn fuq il-vapuri biex isiru t-tiswijiet fuqu.

3. Din l-esperjenza kkonfermawha wkoll il-kollegi tieghu li xehedu f'din il-kawza;

4. Lejn nofs is-sittinijiet jidher li t-Tarzna kellha Dipartiment tas-Sigurta' fl-istruttura taghha, liema struttura kienet tinkludi anke tabib. Izda l-haddiema qatt ma nghataw xi tip ta' nformazzjoni jew twissija dwar l-asbestos;

5. Wara li l-mewt ta' kollega tar-rikorrent lejn l-ahhar tas-snin sebghin giet attribwita ghall-marda relatata ma' espozizzjoni ghall-asbestos, ir-rikorrent u l-kollegi tieghu bdiet tinghatalhom maskla tac-carruta biex jghattu halqhom u mnehirhom waqt li qeghdin f'kuntatt mal-asbestos. Izda kif qal anke r-rikorrent, din il-Qorti difficli temmen li tali maskla setghet toffri l-protezzjoni mehtiega ghas-sahha tal-haddiema peress li ghabra tista' tghaddi minn god-drapp, apparti li l-maskla ma twaqqafx l-ghabra milli tissetilja u tehel ma' partijiet ohra tal-hwejjeg u tal-gisem

b'dana li kif il-persuna ticcaqlaq, tfarfar l-ghabra minn fuqha jew tnehhi l-hwejjeg, l-istess ghabra se terga' ticcirkola fl-arja.

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-kaz fl-ismijiet **Mary Pellicano proprio et nomine vs Francis Spiteri nomine**, deciz mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 t'Awissu 1989, fejn il-Qrati taghna, **gia minn din is-sena**[67], sabu li l-uzu ta' dawn il-maskli kienu ta' kwalita' inadegwata biex joffru l-protezzjoni mehtiega lill-haddiema. Paul Pellicano beda jahdem it-Tarzna f'Settembru 1942 u baqa' hemm sakemm miet kawza ta' espozizzjoni tal-asbestos f'Ottubru 1979. Dik il-Qorti, qablet mal-konkluzjonijiet tal-periti mqabbda minnha li kienu kkonstataw hekk:

*"Illi rrizulta wkoll li fiz-zmien rilevanti ghall-kaz fil-Malta Drydocks kien ghadu jintuza l-blue asbestos, u li l-unika mizura ta' prekawzjoni kien l-uzu tal-maskli (li fil-fehma tal-periti lanqas kienu ta' kwalita' adegwata lanqas)."*

6. Fl-istess perjodu, circa 1979/1980, it-Tarzna hadet xi mizuri ohra ta' prekawzjoni u fil-post fejn kien jinhadem l-asbestos twahhal madum mill-art sas-saqaf, b'water-proof lights u kanal fejn jitbattal l-ilma sabiex ikun jista' jinhasel, u armat b'*extractor fans*. Il-hanut gie izolat minn fejn kienu jahdmu u jieklu l-haddiema. Apparti li l-Qorti fil-kaz imsemmi ta' **Pellicano vs Spiteri noe** kienet qablet mal-esperti nominati minnha li ghalkemm maz-zmien certi prekawzjonijiet bdew jigu mplimentati mit-Tarzna, dawn ma kinux hadu konsiderazzjoni bizzejjed tal-gharfien xjentifiku disponibbli dwar l-effetti nocivi tal-espozizzjoni tal-asbestos f'dik l-epoka, din il-Qorti zzid li dawn il-prekawzjonijiet godda fi

[67] Enfazi tal-Qorti

kwalunkwe kaz gew tard wisq ghar-rikorrent li rtira mill-impjieg proprju fl-1980. L-ghoxrin sena shah li r-rikorrent kien ilu jkun espost ghall-asbestos u l-ghabra tieghu gewwa t-Tarzna ma jista' jinnegahom hadd.

7. Il-periklu ghas-sahha kawzata minn espozizzjoni ghall-asbestos, partikolarment espozizzjoni prolongata, gie konfermat f'depozizzjoni dettaljata minn Dr George Peplow imressaq mill-intimati stess, kif ukoll minn referenzi ghal siti medici suriferiti;

8. Tmienja u ghoxrin sena wara l-irtirar tieghu mit-Tarzna, f'Ottubru tal-2008 ir-rikorrent gie dijanjostikat bil-marda tal-kancer – *malignant mesothelioma*. Huwa nghata kimoterapija paljattiva ghal perjodu ta' zmien u miet kawza ta' din l-istess marda f'Lulju tal-2010;

9. Il-Professur Joseph Cacciattolo ikkonferma n-ness dirett bejn dan it-tip ta' kancer u l-espozizzjoni ghall-asbestos;

10. Din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz fl-ismijiet **Carmena Fenech et vs Chairman tal-Malta Drydocks noe deciz fis-6 ta' Dicembru 2006**[68] li wkoll kien jikkoncerna mewt ta' ex-haddiem tat-Tarzna kawza ta' *malignant mesothelioma* b'rizultat ta' espozizzjoni ghall-asbestos fit-Tarzna kienet ukoll ikkonstatat hekk:

*"Jokkorri forsi f' dan l-istadju u qabel kull konsiderazzjoni ohra illi jsiru certi riljievi medici in materja tax-xorta ta' marda kkuntrattata mid-decujus Joseph Fenech u li gabet id-decess tieghu. Dan kemm mir-ricerka kondotta mill- Qorti u l-aktar mix-xhieda tal-medici prodotti mill-atturi:-*

[68] Cit Nru 1427/97

*"Malignant mesothelioma" huwa tumur "aggressiv immens" u "rari", pero` komuni hafna f' min hu espost ghall-asbestos. Infatti hu kkagunat minn "exposure kontinwu" ghall-asbestos fibres;*

*(i) Jinsab provvdut fil-letteratura medika illi "asbestos fibres are amongst the smallest occurring types of mineral and are indestructable. If inhaled the fibres can collect in the lungs. The body's defences cannot prevent them penetrating deep into the lung tissue where they often make their way to the pleure and can trigger genetic mutations which can eventually cause a cell to become malignant." Dan kollu hu sopportat mir-rizultanzi ta' l- awtopsja;*

*(ii) L-effetti nocivi ta' din l-esposizzjoni ghall- asbestos jizviluppaw wara hafna zmien; gieli 10 snin u hafna drabi bejn 20 u 40 sena. Skond Dr. Emanuel Farrugia (fol. 142), "dan it-tumur ikun dormant ghal hafna snin imbaghad qisu jqum f' daqqa. Meta jqum, il-prognosis huwa bleak";*

*(iii) Prodotti manifatturati minn asbestos huma installati anke fil-vapuri, ad ezempju, "pipe lagging systems". Tali taghrif dwar il-prodotti, u hekk ukoll il- konoxxenza dwar il-konsegwenzi nocivi minn kuntatt jew esposizzjoni ghalihom, ma jidherx, fuq diskors ix-xhud precedenti, li huma aljieni fostna"*;

11. Intwera wkoll b'mod mhux kontradett illi qabel ma kkuntratta din il-marda, r-rikorrent kien jikkonduci stil ta' hajja sana u attiva u lanqas kien ipejjep. Wara li rtira huwa ma regax gie espost ghall-asbestos. Ghalhekk ma rrizultaw ebda fatturi esterni li setghu ikkawzaw jew ikkontribwew ghall-dawn il-konsegwenzi fuq sahhet ir-rikorrent;

12. **Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm ebda dubju li l-*malignant mesothelioma* li biha marad u miet ir-rikorrent kienet rizultat dirett tal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos gewwa t-Tarzna;**

13. Gie muri wkoll li ghal ghexieren ta' snin, kien hemm gharfien dwar ir-riski ghas-sahha relatati mal-asbestos. Il-Profs Cacciattolo jghid li evidenza xjentifika li tassocja l-espozizzjoni ghall-asbestos mal-kancer tirrisali ghas-sena 1938. U **fl-1960, in-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma* kien gie ndikat fil-bullettin mediku tal-Ingilterra, liema bulletin kien popolari mat-tobba Maltin**. **<u>Dan il-fatt ma giex kontradett</u>**. Minn naha l-ohra Dr George Peplow jikkoncedi li lejn l-ahhar tas-sittinijiet, zgur li f'Malta kien diga' hawn gharfien dwar l-effetti tal-asbestos tant li fl-Universita' kienu ttiehdu xi mizuri preventivi;

14. Bhala fatt ghalhekk huwa car, u ghal dan il-Gvern ma ghandu ebda skuza, illi fil-perjodu li r-rikorrent George Spiteri kien jahdem it-Tarzna, l-gharfien ghall-Awtoritajiet Maltin dwar il-perikli ghas-sahha assocjati mal-asbestos kien jezisti u l-informazzjoni dwar in-ness bejn it-tip ta' kancer li qabad lir-rikorrent u l-espozizzjoni ghall-asbestos kienet disponibbli ghalihom.

15. Izda dan l-gharfien fil-fehma tal-Qorti ma wassalx biex l-Istat jiehu mizuri preventivi adegwati biex jipprotegu s-sahha tal-haddiema, tant li r-rikorrent u haddiema ohrajn spiccaw maz-zmien ikkontrattaw mard respiratorju serju, anke kancer, li fil-kaz tar-rikorrent kien il-kawza tal-mewt tieghu.

Il-konkluzjoni li tasal ghaliha l-Qorti fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hija li fl-kaz odjern harget stampa cara ta' sitwazzjoni fejn ir-rikorrent u tarznari ohra bhalu, li kienu jidhlu ghax-xoghol biex jaqilghu l-ghixien ta' kuljum ghalihom u ghall-familji taghhom, spiccaw regolarment u b'mod prolongat esposti ghall-materjal nociv tal-asbestos b'effetti rriversibbli fuq sahhet numru sew minnhom inkluz ir-rikorrent. Dan kollu sehh meta l-**awtoritajiet Maltin ghal ghexieren ta' snin kellhom a dispozizzjoni taghhom gharfien dwar l-effetti perikoluzi tal-asbestos, liema gharfien, kieku ttiehded bis-serjeta' seta' jwassal ghal mizuri preventivi ferm aktar effettivi u protettivi ghall-gid ta' sahhet il-haddiema fit-Tarzna.**

**Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax ukoll fir-rigward ta' l-gharfien li seta' u suppost kellhom l-awtoritajiet koncernati maltin, illi gia mis-sena 1986, kienet giet promulgata il-Konvenzzjoni dwar l-Asbestos (nru. 162) matul il-konferenza generali ta' l-International Labour Organisation, liema konvenzzjoni kellha l-iskop li tirregola u tkun applikabbli "*to all activities involving exposure of workers to asbestos in the course of work*"** [69]

Stabbiliti dan kollu, il-Qorti sejra tghaddi biex tevalwa t-talbiet tar-rikorrenti.

**c. Allegat ksur id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta ("Kostituzzjoni") u bil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ("Konvenzjoni")**

Il-Qorti tibda billi tosserva li r-rikorrenti Maria Carmela Spiteri u wliedha gew ammessi fil-kawza kemm fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' George Spiteri (*iure*

[69] Artikolu 1 ta' l-istess Konvenzzjoni.

*hereditatis*) kif ukoll f'isimhom personali (*iure proprio*)[70] u ghalhekk it-talbiet iridu jigu evalwati f'dan il-kuntest. Ghal dak li huma lmenti f'isimhom personali, dawn ir-rikorrenti jsostnu li b'rizultat tal-mewt ta' George Spiteri kawza tal-espozizzjoni ghall-asbestos gewwa t-Tarzna, giet affetwata negattivament il-kwalita' ta' hajja taghhom kollha ghax ilkoll gew imcahhdin mill-prezenza ta' persuna sinifikanti hafna f'hajjithom.

**L-ewwel talba tar-rikorrenti**

Permezz ta' din it-talba r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li fil-konfront taghhom gie vjolat –

*"id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja ta' l-individwu ma titqieghedx f' periklu bla bzonn, ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta."*

L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

*"(1) Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*

*(2) Mingħajr ħsara għal xi responsabbiltà għal ksur ta' xi liġi oħra dwar l-użu ta' forza f'dawk il-każijiet li huma hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija, persuna ma għandhiex titqies li tkun ġiet ipprivata mill-ħajja tagħha bi ksur ta' dan l-artikolu jekk tmut b'riżultat tal-użu ta' forza daqs kemm tkun raġonevolment ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ -*

[70] Fol 88

*(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiża ta' proprjetà;*
*(b) sabiex jiġi effetwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' persuna detenuta skont il-liġi;*
*(ċ) sabiex tiġi megħluba rewwixta, insurrezzjoni jew ammutinament; jew*
*(d) sabiex jiġi evitat l-egħmil minn dik il-persuna ta' reat kriminali, jew jekk tmut minħabba att leġittimu ta' gwerra."*

L-artikolu korrispettiv tieghu fil-Konvenzjoni, l-Artikolu 2, jipprovdi hekk:

*"(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi.Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.*

*(2) Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta jirriżulta mill-użu ta' forza li ma jkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:*
*(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza illegali;*
*(b) sabiex jiġi effettwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi persuna detenuta skont il-liġi;*
*(ċ) f'azzjoni meħuda skont il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni."*

Fil-kaz **Jane Agius vs Avukat Generali et deciz fil-15 ta' Jannar 2015**[71], din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar il-principji naxxenti minn dawn l-artikoli:

[71] Rik Nru 33/2014

*"Riferibbilment għall-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, hu paċifiku li dan l-artikolu jħaddan aspetti kemm sostantivi kif ukoll proċedurali. Minnbarra dan, il-Qorti Ewropea rrikonoxxiet li dan l-artikolu jimponi mhux biss obbligu li l-Istat ma jipprivax persuna arbitrarjament mill-ħajja izda li l-Istat għandu jieħu dawk il-azzjonijiet jew miżuri pozittivi raġjonevolment mitluba biex tiġi żgurata l-protezzjoni għall-ħajja (positive obligations).*

*Huma f'dan is-sens il-kliem tal-Qorti Ewropea fil-kaz* ***Bljakaj and Others v Croatia*** *tat-18 ta' Settembru 2014*[72]*:*

*"...Article 2 enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe (see* ***McCann and Others v. the United Kingdom****, 27 September 1995, § 147, Series A no. 324). The first sentence of Article 2 § 1 enjoins the State not only to refrain from the intentional and unlawful taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see* ***L.C.B. v. the United Kingdom****, 9 June 1998, § 36, Reports of Judgments and Decisions 1998-III; and* ***Osman v. the United Kingdom****, 28 October 1998, § 115, Reports 1998-VIII)."*

*Hekk ukoll fil-kaz* ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** *[GC] 11 tas-17 July 2014 il-Qorti Ewropea irriteniet hekk:*

*"The positive obligations under Article 2 must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake. This is the case, for example, in the health-care sector as regards the acts or omissions of health professionals (see Dodov, cited above, §§ 70, 79-83 and*

[72] App.Nru. 74448/12 para 103.

*87, and* ***Vo v. France*** *[GC], no. 53924/00, §§ 89-90, ECHR 2004-VIII, with further references), States being required to make regulations compelling hospitals, whether public or private, to adopt appropriate measures for the protection of their patients' lives (see* ***Calvelli and Ciglio v. Italy*** *[GC], no. 32967/96, § 49, ECHR 2002-I). This applies especially where patients' capacity to look after themselves is limited (see Dodov, cited above, § 81)*[73]*. "*

*…….****Tarariyeva v Russia***[74] *deciz fl-14 ta' Diċembru 2006 fejn il-Qorti Ewropea fissret li :*

*"1.* ***The Court reiterates that the first sentence of Article 2****, which ranks as one of the most fundamental provisions in the Convention and also enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe,* ***requires the State not only to refrain from the "intentional" taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction***[75] *(see, for example, Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 89, ECHR 2001-III). "*

*…fis-sentenza mogħtija fil-kaz ta'* ***Gagiu v Rumanija***[76] *tal-24 ta' Frar 2009 fejn ingħad li:*

*"2. L'obligation de protéger la vie des personnes détenues implique également de leur dispenser avec diligence les soins médicaux à même de prévenir une issue fatale (Taïs, précité, § 98, et Anguelova c. Bulgarie, no 38361/97, § 130, CEDH 2002-IV). Le manque de soins médicaux appropriés peut constituer ainsi un traitement contraire à la Convention (Huylu, précité, § 58)."*

---

[73] Para 130.
[74] App. nru.. 4353/03
[75] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[76] App.Nru. 63258/00

*L-intimati jissottomettu li l-artikolu 2 u l-artikolu 33 ghandhom jinqraw ad litteram u japplikaw biss ghall-privazzjoni intenzjonali tal-hajja. Jghidu li ghalkemm huwa minnu li l-awtoritajiet tal-habs ma vvigilawx uti bonus paterfamilias fuq is-sahha tal-prigunier Carlos Chetcuti, "pero ma rrizultax li n-nuqqas da parti tal-awtoritajiet kien wiehed intenzjonat" u ghalhekk l-Istat m'ghandux jitqies li lleda l-jeddijiet sanciti b'dawk l-artikoli.*

*Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni li ma ssibx konfort fil-kazistika tal-Qorti Ewropea fuq citata fejn jinsab ritenut li l-artikolu 2 jimponi obbligazzjoni pozittiva sostantiva u anke procedurali fuq l-Istat.*

*F'* ***L.C.B. v United Kingdom***[77] *moghti fid-9 ta' Gunju, 1988, il-Qorti Ewropea, wara li ccitat il-principji generali li jirregolaw l-artikolu 2 qalet hekk:*

*"...... It has not been suggested that the respondent State intentionally sought to deprive the applicant of her life.* ***The Court's task is, therefore, to determine whether, given the circumstances of the case, the State did all that could have been required of it to prevent the applicant's life from being avoidably put at risk****."*

*U fil-kaz* ***Oneryildiz v Turkey*** *moghti fit-30 ta' Novembru 2004*[78] *gie ribadit li*

*"In this connection, the Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction [...]*

[77] App. Nru. 23413/94
[78] App.Nru. 48939/99

***The Court considers that this obligation must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities, which by their very nature are dangerous***[79]*, such as the operation of waste-collection sites ("dangerous activities" - for the relevant European standards, see paragraphs 59 and 60 above).* ***Oyal v Turkey*** *(2010)* ***Oyal v Turkey*** *(2010) (Appl. No. 4864/05, 23 March 2010*[80]*"*

L-istess principji japplikaw ghall-interpretazzjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni.

Dawn il-principji gurisprudenzjali ma jhallu ebda lok ta' dubju ghalhekk li huwa obbligu tal-Istat Malti li mhux biss ma jcahhadx mid-dritt tal-hajja lil xi persuna b'mod arbitrarju, izda wkoll li jiehu wkoll dawk l-azzjonijiet jew mizuri pozittivi u preventivi ragjonevolment mehtiega u adegwati sabiex il-hajja tal-persuni f'Malta tigi protetta. Dan kollu jxxejjen awtomatikament it-tezi tal-intimati fl-eccezzjonijiet taghhom li ksur tad-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja taht l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni isehh biss meta tali privazzjoni tkun wahda "ntenzjonata."

Dan l-obbligu fuq l-Istat li jiehu mizuri protettivi ghall-harsien tal-hajja jaccentwa ruhu partikolarment f'cirkostanzi ta' attivitajiet li minn natura taghhom jesponu riskju u periklu akbar ghall-hajja tal-bniedem. Dwar dan il-punt il- QEDB qalet hekk dwar l-artikolu 2 fil-kaz **Prilutskiy vs Ukraine deciz fis-26 ta' Frar 2015**[81]**-**

[79] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[80] Para 71.
[81] App no. 40429/08

*"It entails above all a primary duty on the State to put in place a legislative and administrative framework designed to provide effective deterrence against threats to the right to life. This obligation indisputably applies in the particular context of dangerous activities, where, in addition, special emphasis must be placed on regulations geared to the special features of the activity in question, particularly with regard to the level of the potential risk to human lives. Those regulations must govern the licensing, setting up, operation, security and supervision of the activity and must make it compulsory for all those concerned to take practical measures to ensure the effective protection of citizens whose lives might be endangered by the inherent risks.*

*[…..]*

*The scope of the positive obligation must be interpreted in a way that does not impose an unrealistic or disproportionate burden on the authorities, bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources. Accordingly, not every claimed risk to life can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent that risk from materialising. For the Court, and having regard to the nature of the right protected by Article 2, a right fundamental in the scheme of the Convention,* ***it is sufficient for an applicant to show that the authorities did not do all that could be reasonably expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge.***[82] *This is a question which can only be answered in the light of all the circumstances of any particular case (see* ***Osman v. the United Kingdom****, 28 October 1998, § 116, Reports of Judgments and Decisions 1998 VIII)."*

[82] Enfazi ta' din il-qorti

Certament illi n-natura tax-xoghol li kien iwettaq ir-rikorrent gewwa t-Tarzna, tenut kont il-kwantita' ta' ghabra tal-asbestos li kien kostrett jahdem fiha matul is-snin lavorattivi tieghu, taqa' taht din il-kategorija, dan maghdud ma dak gia espost dwar il-konoxxenza ta nocevita' ta' din is-sustanza gia mis-snin tmenin. Kif qalet il-QRDB fil-kaz **Brincat and others v Malta** -

*"81. The Court considers that the same obligations may apply in cases, such as the present one, dealing with exposure to asbestos at a workplace which was run by a public corporation owned and controlled by the Government. 82. The Court reiterates that it has applied Article 2 both where an individual has died (see, for example, Öneryıldız, cited above) and where there was a serious risk of an ensuing death, even if the applicant was alive at the time of the application."*

Huwa minnu li l-Istat mhuwhiex tenut jaghmel l-impossibbli u m'ghandux jigi mghobbi b'obbligi spropozjonati jew li mhux realistici. Izda zgur li dan mhux il-kaz fis-sitwazzjoni in dezamina. Mhuwhiex il-kompitu tal-Qorti li tghid hi x'kellhom ikunu dawn il-mizuri protettivi. Izda huwa car li, kif inghad, bl-gharfien li kellu l-Gvern fl-epoka li kien jahdem ir-rikorrent fit-Tarzna, huwa kien qieghed f'qaghda jevalwa l-htiega u jipprovdi mizuri adegwati li jipprotegu l-hajja tar-rikorrent u l-kollegi tieghu fuq il-post tax-xoghol.

F'dan il-kuntest ghalhekk il-konkluzjonijiet tal-QEDB fil-kaz **LCB vs UK** citat mill-intimati fis-sottomissjonijiet taghhom[83] ma jghoddux ghall-kaz tal-lum peress li f'dak il-kaz, kuntrarjament ghall-kaz odjern, l-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni li kellhom disponibbli ma setax jigi stabbilit b'certezza jekk missier l-applikant kienx gie espost ghal radjazzjoni u lanqas jekk din l-istess radjazzjoni setghetx tikkawza periklu ghal sahhtu.

[83] Fol 518

Inoltre, il-fatt pruvat fil-kaz odjern li l-kancer li wassal ghall-mewt tar-rikorrent kien probabbilment naxxenti mill-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos fit-Tarzna gie ukoll affermat mill-QEDB fil-kaz ta' persuna li wkoll ghaddiet mill-istess sitwazzjoni -

*"83. The medical certification indicated that Mr Attard's death was likely to be a result of asbestos exposure; malignant mesothelioma is known to be a rare cancer associated with asbestos exposure. The Court observes that it has not been contested or denied that Mr Attard worked at Malta Drydocks for more than a decade (1959-1974), during which time he was repeatedly exposed to asbestos. Neither has it been shown that Mr Attard could have been contaminated elsewhere or that he was affected by other factors that could have led to the disease."*

F'dan l-istadju l-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza estensiva ghall-konkluzjoni tal-Qorti Ewropea fil-kuntest tad-dritt ghall-hajja fil-kaz **Brincat and others v Malta** u dan b'referenza ghall-argumenti sostanzjalment simili ghal dawk tal-lum li kienu imressqa mill-applikanti u mill-Gvern f'dak il-kaz:

*"104. [....] the Court considers it established that the applicants ……were exposed to asbestos during their careers as employees at the ship repair yard run by the MDC. Indeed, while admitting that all workers were exposed to some extent, the Government contended that after they had become aware of the relevant dangers, they had ensured that the applicants were not made to work on asbestos-laden ships, without submitting what other possible functions or work they had been assigned at their place of work or any details regarding the dates when they had ceased to work with such material. Given the information*

*and documents available, the Court finds no reason to doubt the applicants' assertions as to their working history.*

*105. The Court must also consider whether the Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at the relevant time (from the entry into force of the Convention for Malta in 1967 onwards) (see, in a different context, O'Keeffe v. Ireland [GC] no. 35810/09, 28 January 2014, §§ 152 and 168). In this connection the Court notes that the Government implicitly admitted to have known of these dangers in or around 1987, as they stated that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers as early as 1987. Nevertheless, given that Mr Attard had left the dry docks in 1974, the Court must examine whether at the time while he was exposed, that is, at least in the early 1970s, the Government knew or ought to have known of the relevant dangers. The Court acknowledges that the ILO Asbestos Recommendation and subsequent Convention which contained the minimum standards applicable concerning the use of asbestos were adopted in 1986. Nevertheless, as in many cases, the adoption of such texts comes after considerable preparatory work which may take significant time, and in the ambit of the ILO after having undertaken meetings with representatives of governments, and employers' and workers' organisations of all member countries of the organisation. They are usually preceded by a number of guidelines, and before concrete proposals can be made there is a thorough search for a consensus between the stake holders, namely public authorities as well as employers and workers. It is also common knowledge that the issues surrounding asbestos have been greatly debated amongst stakeholders all over the world, and that given the interests involved, particularly economic and commercial ones, acknowledging its harmful effects has not been easy. In this connection the Court observes that up to this date a number of countries have not yet banned the substance and only thirty-five*

*countries out of the one hundred and ninety-eight United Nations Member States have ratified the Asbestos Convention. It appears logical, that this cannot be taken to mean that the dangers of asbestos are today still unknown.*

*106. Thus, as to whether the Maltese Government knew or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards - many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument - that is, that information was at the time not as readily available as it is today - it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medically*

*related findings at the time. Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above) is in itself an implicit acknowledgement by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide adequate health and safety measures in that respect. Against this background, the Court concludes that for the purposes of the present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at least as from the early 1970s.*

*107. As to the fulfillment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr. Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had been exposed to asbestos. 108. As to the steps taken after 1987, the Court firstly notes that the mentioned regulations make no reference to asbestos, unlike the later legislation which was enacted for that precise purpose. Consequently, it is difficult to accept the Government's argument that the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations were the first proactive attempt to safeguard the applicants against these dangers by means of legislation.*

*109. However, even assuming that the Work Places (Health, Safety and Welfare) Regulations were indeed a legislative reaction to the dangers of asbestos exposure and that, therefore, the Government treated asbestos as falling into the category of a "toxic material" or "dangerous substance" for the purposes of that legislation, the Court notes the following. In accordance with Regulation 16, no employer may use or suffer to be used any chemical or*

*material which is toxic without the approval of the Superintendent of Public Health. The Government did not find it expedient to explain whether such approval had been sought or given for asbestos and, if so, on what grounds. Even if approval was given, by the Government's implicit admission, asbestos continued to be used and employees continued to work on it. Pursuant to Regulation 18, it was the duty of the employer to ensure that the atmosphere in workrooms in which potentially dangerous or obnoxious substances were handled or used was tested periodically to ensure that, inter alia, toxic or irritating fibres were not present in quantities that could injure health, and to maintain an atmosphere fit for respiration. Moreover, no work should have been carried out unless such tests had been done. Again, the Government have not indicated that any such tests had ever been carried out in the workrooms (or elsewhere) where the applicants, like the other employees, had been exposed to asbestos. Apart from the above-mentioned regulations (16 and 18), the Work Places (Health, Safety and Welfare) Regulations made no provision for any other practical measures which could or should have been taken in order to protect the applicants, nor were there any provisions concerning the right to access information. It was only the legislation enacted in 2003 and 2006 which introduced such measures, including (but not limited to) the duty to provide the applicants and people in their situation with information about the risks to health and safety which they were facing.*

*110. The Court considers that enacting specific legislation fifteen years after the time in the mid-1980s when the Government accept that they were aware of the risks can hardly be seen as an adequate response in terms of fulfilling a State's positive obligations. Furthermore, by the time the 2002, 2003 and 2006 legislation had been enacted and came into force (see paragraphs 33 and 34 above), the applicants had little if anything to gain since the timing coincided*

*with the end of their careers, when they were leaving or had already left Malta Drydocks (see paragraph 6 above).*

*111. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos. Moreover, even the limited protection afforded by that legislation had no impact on the applicants since it appears to have remained unenforced.*

*112. The Court considers that, while there is a primary duty to put in place a legislative and administrative framework, it cannot rule out the possibility, a priori, that in certain specific circumstances, in the absence of the relevant legal provisions, positive obligations may nonetheless be fulfilled in practice. In the present case, however, the only practical measure that appears to have been taken by the State, as the employer, was to distribute masks, on unspecified dates and at unspecified intervals (if distributed repeatedly at all). The Court notes in this connection that the apparently disposable masks (which were shown to the Court) were considered by experts in the Pellicano case to be of "inadequate quality" and "did not take sufficient account of the state of scientific knowledge about the subject matter at the relevant time" (see paragraph 33 above). These findings are sufficient for the Court to conclude that such practical attempts left much to be desired."*

A skans ta' ripetizzjoni inutli l-Qorti tabbraccja u taghmel taghha l-kunsiderazzjonijiet tal-QEDB appena citati.

**Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti l-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamementali tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tilqa' ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti sa fejn din tirrigwarda l-espozizzjoni ta' George Spiteri ghall-asbestos gewwa t-Tarzna liema espozizzjoni wasslitu biex ikkontratta-marda li kkagunatlu l-mewt.**

Dwar il-pozizzjoni tar-rikorrenti Maria Carmela Spiteri *et* f'ismihom personali il-Qorti tqis li ma ngiebet ebda prova da parti taghhom li b'rizultat tal-espozizzjoni ta' George Spiteri ghall-asbestos, hajjithom tinsab f'periklu minhabba li huma jew min minnhom zviluppaw xi problemi respiratorji, komplikazzjonijiet ohra ta' sahha jew mard direttament relatati ma' espozizzjoni ghall-asbestos. Ghalhekk, *iure proprio*, it-talbiet taghhom rigwardanti l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ma jsibu ebda applikazzjoni u ghandhom jigu michuda .

**<u>It-tieni talba tar-rikorrenti</u>**

Permezz ta' din it-talba r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li fil-konfront taghhom gie vjolat –

*"Id-dritt li wiehed ma jkunx issoggettat ghal trattament inuman u degradanti, ai termini ta' Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta."*

L-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

*36. (1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

*(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.*

*(3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta' pieni kollettivi.*

*(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp."*

L-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

*"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

Rassenja ta' gurisprudenza elenkata minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Matthew Bajada vs l-Avukat Generali et deciza fid-29 ta' Settembru 2016**[84] tislet is-segwenti principji applikabbli ghal dawn iz-zewg artikoli:

*Id-dritt tal-persuna li ma tkunx assoggettata ghal piena jew trattament inuman jew degradanti huwa wiehed mill-ftit li huwa redatt f`termini assoluti kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni.*

[84] Rik Nru 19/14

*Fis-sentenza li tat fil-5 ta` April 1991 fil-kawza **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** il-Qorti Kostituzzjonali rrilevat illi trattament inuman jew degradanti m`ghandux jigi ekwiparat ma` tortura, ghaliex ghalkemm iz-zewg koncetti huma relatati ghandhom jinzammu distinti ("**Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar**" - 20 ta` Lulju 1977 – Qorti Kostituzzjonali). Fil-fatt it-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u ntenzjonata ta` trattament inuman jew degradanti.*

*Fis-sentenza appena citata ta` "**Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar**" il-Qorti Kostituzzjoni qalet hekk :-*

*Kwantu ghall-kuncett ta` "trattament inuman", din il-Qorti tahseb li, in generali, tista` wkoll tirriferixxi ghal dak espress mill-Kummissjoni Ewropeja fl-imsemmi **Kaz Grieg**, kif kjarit imbaghad fl-imsemmi **Kaz ta` l-Irlanda**.*

*"The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable" (Rapport ta` l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc. cit).*

*Bi kjarifikazzjoni ghal dan, gie imbaghad aggunt mill-istess Kummissjoni fir-Rapport taghha fuq il-Kaz ta` l-Irlanda (p.378) li hija innotat li "the term unjustifiable (in the particular situation) has given rise to some misunderstanding and therefore finds it necessary to state clearly that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for any treatment in breach of article 3" (tal-Konvenzjoni) (ara wkoll decizjoni ta` l-imsemmija Kummissjoni fl-Applikazzjoni Num 4771/71 **Jacob Hamma vs The Netherlands**).*

*Kwantu ghal trattament degradanti, dan, fl-aktar kliem semplici, hu trattament li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor (ara Rapport ta` l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc cit) …*

*Sabiex trattament partikolari jkun jikkostitwixxi vjolazzjoni skont id-disposizzjonijiet citati tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, dak it-trattament jehtieg li jilhaq grad ta` gravita` tali illi l-gudikant ghandu japplika t-test soggettiv, u cioe` fejn il-kejl ma jkunx abbazi ta` l-effett li dak it-trattament jista` jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, izda abbazi tal-effett li dak it-trattament kellu fuq il-persuna partikolari li ghalih tkun giet assoggettata. Ghalhekk is-sess, l-eta`, l-istat ta` sahha, l-inkapacitajiet u fatturi varjabbli ohra li jaghmlu l-persuna dak li effettivament hi ghandhom jinghataw debita importanza [ara l-gurisprudenza citata fis-sentenza fil-kawza: "***Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et***" (op. cit.)].*

*Trattament inuman jew degradanti huwa mejqus b`manjiera sostanzjalment simili jekk mhux identiku mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Frar 2008 fil-kawza "***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***" il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet riferenza ghad-decizjoni tal-ECHR tad-19 ta` April 2001 fil-kawza "***Peers v. Greece***" fejn kien inghad :-*

*'67. The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*68. Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Raninen v. Finland, judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55) … 74. In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX)."*

*Fil-kaz ta` "***Yancov v. Bulgaria***" deciz fil-11 ta` Dicembru 2003 l-ECHR qalet hekk :-*

*105. In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002-VI).*

*106. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as*

*the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see,* ***Ireland v. the United Kingdom****. Judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*107. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and wellbeing are adequately secured (****Kudla v. Poland*** *[GC], no. 30210/96, §§ 93-94, ECHR 2000-XI).*

*Fid-decizjoni li tat l-ECHR fis-27 ta` Lulju 2010 fil-kaz ta` "****Gatt v. Malta****" kien inghad hekk :-*

*'The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim`s behaviour. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often*

*involve such an element (see **Kafkaris v. Cyprus** [GC], no. 21906/04, §§ 95-96, ECHR 2008).”*

Ezaminati dawn il-principji fil-kuntest tal-fattispecje tal-kaz odjern, il-Qorti ma tara a ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali allegati. Fl-ewwel lok u kif anke kkonfermat mill-QEDB fil-kaz **Brincat and others v Malta**, allegazzjonijiet ta' trattament inuman u degradanti bazati fuq dawn l-artikoli huma personali u ma jistghux jigu trasferiti lil terzi, anke jekk dawn ikunu eredi tieghu:

*“132. In respect of the applicants in application no. 62338/11, namely the relatives of the deceased Mr Attard, the Court considers that – even assuming that the suffering of Mr Attard can be considered to have reached the relevant threshold for the purposes of this provision – bearing in mind the findings in paragraph 113 above and the strictly personal nature of Article 3 and the complaint at issue, the circumstances of the present case do not lead to the conclusion that the Article 3 claim is transferrable to the heirs on the grounds of either general interest or strong moral interest (see **Kaburov v. Bulgaria** (dec.) §§ 56-57, 19 June 2012). For these reasons, the applicants in application no. 62338/11 cannot be considered to have victim status in respect of this complaint. 133. The Court considers that their complaint is therefore incompatible ratione personae with the provisions of the Convention for the purposes of Article 35 § 3 (a) and must be rejected pursuant to Article 35 § 4.”*

F'kull kaz, f'ebda stadju tal-proceduri ma ngiebet xi prova li George Spiteri ircieva xi trattament inuman u degradanti fil-kuntest kif elaborat tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni u l-principji gurisprudenzjali naxxenti minn dawn iz-zewg artikoli. Minn dan l-aspett, ghalkemm ma hemm ebda dubju li l-problemi ta' sahha li kellu jiffaccja George Spiteri minhabba n-nuqqasijiet tal-awtoritajiet gabulu tbatija u sofferenza kbira, din ma

tikkwalifikax bhala trattament inuman u degradanti ghall-finijiet u effetti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

**Ghalhekk it-tieni talba tar-rikorrenti sejra tigi michuda.**

It-tielet talba tar-rikorrenti

Permezz ta' din it-talba r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li fil-konfront taghhom gie vjolat –

*"Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu u li dan id-dritt ma jigix mittiefes, ai termini ta' l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-Ligi nostrana tramite Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dak li ghandu x' jaqsam mal-kwalita' tal-hajja tar-rikorrent."*

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

L-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick jghidu hekk dwar dan l-artikolu fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights**:

*"Article 8 places on States the obligation to respect a wide range of personal interests. Those interests – 'private and family life, home and correspondence' – embrace a variety of matters….In its application of Article 8, the Court has taken a flexible approach to the definition of the individual interests protected, with the result that the provision continues to broaden in scope….*

*[….]*

*The terms of Article 8(2) make it clear that the state must refrain from arbitrary interference with everyone's private and family life, home and correspondence. This obligation not to engage in 'arbitrary action' is an obligation of the classic negative kind, described by the Court as the 'essential object' of Article 8*[85]*."*

L-ilment tar-rikorrenti f'dan il-kuntest huwa li l-esposizzjoni ta' George Spiteri ghall-asbetos affettwat negattivament il-kwalita' ta' hajja kemm tieghu kif ukoll tal-familjari tieghu peress li huwa sofra l-konsegwenzi tal-mard li huwa kkuntratta kagun tal-esposizzjoni ghall-asbestos, ghall-liema jahtu l-intimati. Ukoll, ir-rikorrenti jsostnu li l-kwalita' ta' hajja taghhom bhala familja giet affetwata avversament peress li bil-marda u l-mewt ta' missierhom huma gew imcahhda mill-prezenza ta' persuna importanti hafna ghalihom f'hajjithom.

Di piu', ir-rikorrenti familjari ta' George Spiteri isostnu li huma gew esposti ghall-asbestos tramite *boiler suits* li huwa kien juza fuq il-post tax-xoghol u

[85] Fol 361-362

jehodhom id-dar, fi kliemu *"mimlijin bl-ghabra tal-asbestos*[86]*"*, biex il-mara tahsilhomlu.

Fil-kaz **Lopez Ostra v Spain**, deciz fid-9 ta' Dicembru 1994[87], il-QEDB qalet *hekk:*

*"....severe environmental pollution may affect individuals' well-being and prevent them from enjoying their homes in such a way as to affect their private and family life adversely, without, however, seriously endangering their health.*

*Whether the question is analysed in terms of a positive duty on the State - to take reasonable and appropriate measures to secure the applicant's rights under paragraph 1 of Article 8 (art. 8-1) -, as the applicant wishes in her case, or in terms of an "interference by a public authority" to be justified in accordance with paragraph 2 (art. 8-2), the applicable principles are broadly similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole, and in any case the State enjoys a certain margin of appreciation. Furthermore, even in relation to the positive obligations flowing from the first paragraph of Article 8 (art. 8-1), in striking the required balance the aims mentioned in the second paragraph (art. 8-2) may be of a certain relevance (see, in particular, the* ***Rees v. the United Kingdom*** *judgment of 17 October 1986, Series A no. 106, p. 15, para. 37, and the* ***Powell and Rayner v. the United Kingdom*** *judgment of 21 February 1990, Series A no. 172, p. 18, para. 41).*

Il-Qorti ma hix qeghda tiddubita minn jew tnaqqas mill-importanza tar-rwol tat-Tarzna f'Malta fl-epoka li l-*aventi causa* tar-rikorrenti kien impjegat f'din il-

---

[86] Affidavit George Spiteri
[87] App Nru 16798/90

Korporazzjoni. Dak li l-Qorti trid tevalwa izda huwa jekk il-mod kif kien jithaddem l-operat tat-Tarzna ghal dak li huwa l-interessi generali tal-komunita' meta mqabbel mal-interessi tar-rikorrenti u l-*aventi causa* taghhom ghar-rispett tat-tgawdija tal-hajja familjari taghhom kienx bilancjat jew le.

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-fatt wahdu li George Spiteri ha mieghu il-hwejjeg tax-xoghol biex jinhaslu d-dar, anke jekk dawn seta' kellhom xi ghabra tal-asbestos maghhom, ma jwassalx awtomatikament ghall-lezjoni ta' dan l-artikolu. Di piu' ir-rikorrenti odjerni ma gabu ebda prova li dan il-fatt wahdu kellu xi mpatt negattiv fuq il-kwalita' ta' hajja u s-sahha taghhom. Ghalhekk minn dan l-aspett, ma jirrizulta ebda ksur ta' dan l-artikolu.

Izda l-istorja hija mod iehor mill-lat tal-konsegwenzi l-ohra li kellhom jiffacjaw il-familja Spiteri kawza ta' l-espozizzjoni ta' George Spiteri ghall-asbestos gewwa t-Tarzna. Ma hemmx dubju li, kif kien xehed George Spiteri stess, il-marda tal-kancer li huwa kkontratta gabet tbatija u zmien iebes ghalih u ghal familja tieghu[88]. Hija naturali li tali marda, u l-kimoterapija li Spiteri nghata kellha mhux biss effett fiziku fuqu, izda kellha wkoll impatt psikologiku fuqu u fuq il-familja tieghu. Isegwi li mill-mument li fih l-*aventi causa* tar-rikorrenti gie dijanjostikat bil-kancer, il-kwalita' tal-hajja familjari tal-familja Spiteri hadet svolta ghall-aghar, liema svolta lahqet il-qofol taghha bil-mewt tal-istess Spiteri b'dana li kif qalu l-istess rikorrenti, l-hajja familjari taghhom giet imcahhda hesrem mill-prezenza ta' George Spiteri.

A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi ghan-nuqqasijiet misjuba minnha da parti tal-awtoritajiet governattivi fil-mertu tal-kaz. La kienu n-nuqqasiijiet taghhom li wasslu biex George Spiteri gie espost ghal snin shah ghall-asbestos, liema espozizzjoni wasslitu biex ikkontratta l-kancer li kkawza l-mewt tieghu, l-

[88] Fol 45

intimati ghandhom jinzammu responsabbli ghal-konsegwenzi li n-nuqqasijiet taghhom kellhom fuq il-kwalita' tal-hajja tal-familja Spiteri fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet appena maghmula.

**It-tielet talba tar-rikorrenti, safejn kompatibbli ma' dak appena deciz, sejra tintlaqa'.**

Ir-raba' talba tar-rikorrenti

Din it-talba hija wkoll ibbazata fuq allegat ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni in kwantu r-rikorrenti ma kienx infurmat dwar perikli marbutin mal-asbestos li fil-fehma taghhom kienu "*common knowledge*";

In linea ta' principji generali, l-Qorti Ewropea qalet hekk dwar dan il-punt fil-kaz **Brincat and others v Malta**:

*"102. The Court has also held on many occasions that the State has a positive duty to take reasonable and appropriate measures to secure an applicant's rights under Article 8 of the Convention (see, among many other authorities, López Ostra, cited above, § 51, Series A no. 303-C; Powell and Rayner v. the United Kingdom, 21 February 1990, § 41, Series A no. 172; and, more recently, Di Sarno and Others v. Italy, no. 30765/08, § 96, 10 January 2012). In particular, the Court has affirmed a positive obligation of States, in relation to Article 8, to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives (see, by implication, Guerra and Others, cited above, §§ 57-60; López Ostra, cited above, § 55; McGinley and Egan, cited above, §§ 98-104; and Roche, cited above, §§ 157-69). In the Court's view, this obligation may in certain circumstances also encompass a duty to*

*provide such information (see, by implication, Guerra and Others, cited above, §§ 57-60; and Vilnes and Others, cited above § 235). It has also recognised that in the context of dangerous activities, the scopes of the positive obligations under Articles 2 and 8 of the Convention largely overlap (see Budayeva and Others, cited above, § 133). Indeed, the positive obligation under Article 8 requires the national authorities to take the same practical measures as those expected of them in the context of their positive obligation under Article 2 of the Convention (see Kolyadenko and Others, cited above, § 216).”*

L-intimati jargumentaw li meta beda t-taghrif dwar l-effetti mill-espozizzjoni tal-asbestos, saru l-ligijiet u r-regolamenti appoziti dwar l-uzu tal-asbestos fuq il-post tax-xoghol. Gew anke promulgati ligijiet sabiex l-importazzjoni ta' materjal tal-asbestos jigi pprojbit. Ittiehdu wkoll mizuri prattici billi fit-Tarzna bdew jintuzaw maskli sabiex tigi minimizzata l-hsara. L-intimati jishqu li kien ferm wara li l-*aventi causa* tar-rikorrenti spicca mix-xoghol tieghu fit-Tarzna li t-taghrif wera li l-uzu tal-maskli ma kienx bizzejjed biex jipprotegi mill-espozizzjoni ghall-asbestos. Inoltre, meta kien hemm dan l-gharfien, l-asbestos beda jigi trattat b'mod professjonali u sar ezercizzju li bih tnehha kompletament. Dan apparti li l-haddiema tat-Tarzna kienu jinghataw kumpens ghal riskji naxxenti mix-xoghol taghhom.

Il-Qorti tqis li f'dan il-kuntest mhuwhiex bizzejjed li jigi evalwat meta l-Gvern sar jaf bil-perikli assocjati mal-asbestos izda **meta seta' jsir jaf b'dan**. A skans ta' ripetizzjoni jinghad li gie muri b'mod mhux kontradett f'din il-kawza li prova xjentifika li tassocja l-espozizzjoni ghall-asbestos mal-kancer tmur lura ghas-sena 1938, u cioe' ghoxrin sena qabel ma' George Spiteri dahal jahdem it-Tarzna. Imbaghad, circa sentejn wara li Spiteri dahal it-Tarzna, cioe' fl-1960, it-tobba Maltin, u allura anke l-Gvern tramite l-awtoritajiet tas-Sahha, kellhom a

dispozizzjoni taghhom, tramite bulettini medici Inglizi, il-konferma tan-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma*.

Nonostante dan, ghaddew snin shah sakemm il-Gvern beda jiehu mizuri aktar stretti ghal dak li jirrigwarda l-effetti nocivi tal-asbestos. Kif xehed Joseph Saliba, kien biss circa fl-1996 li t-Tarzna bdiet tiehu certi prekawzjonijiet sabiex titnaqqas l-espozizzjoni tal-haddiema ghall-asbestos u sabiex jigu minimizzati - effetti taghha. Dan kollu beda ghalhekk isehh sittax -il sena wara li George Spiteri kien halla t-Tarzna.

Ma gietx kontradetta l-prova mressqa mir-rikorrenti li fil-perjodu li George Spiteri dam jahdem it-Tarzna, huwa u l-kollegi tieghu ma nghatawx hlief informazzjoni skarsa ghall-ahhar dwar l-asbestos, liema nformazzjoni ma setghet qatt tpoggi lir-rikorrent f'pozizzjoni li jkollu gharfien shih ghall-implikazzjonijiet fuq sahhtu konsegwenza tal-espozizzjni tieghu ghall-asbestos.

Anke ghal dik li hi legislazzjoni, kwotata wkoll aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota li kien biss fl-1994 li l-Gvern introduca regolamenti biex jipprojbixxi l-importazzjoni ta' fibri tal-asbestos. Imbaghad, snin wara, fl-2002 dahlu r-regolamenti S.L. 549.18 intizi li jnaqqsu t-tniggis tal-ambjent mill-asbestos.

Kien biss fl-2003 u l-2006 li gew introdotti l-Avvizi Legali 123 tal-2003 u 323 tal-2006 bil-ghan li jigu protetti l-haddiema mir-riskji tal-espozizzjoni ghall-asbestos.

**Dan kollu juri li, minn meta kellu a dispozizzjoni tieghu gharfien dwar l-effetti nocivi tal-abestos, il-Gvern dam snin shah sakemm beda jiehu azzjoni konkreta kemm mill-aspett preventiv kif ukoll legislattiv. Aghar**

**minn hekk, dan kollu kien ta' pregudizzju kbir ghall-*aventi causa* tar-rikorrenti li ma setax jibbenefika minn dawn il-mizuri peress li sa dak iz-zmien huwa kien ilu li telaq mit-Tarzna. Zgur ghalhekk li fil-kaz tieghu, il-Gvern, rapprezentat mill-intimati Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali, ma jistax jitqies li ssodisfa l-obbligu tieghu a tenur tal-artikolu 8.**

Il-QEDB fil-kaz **Brincat and others v Malta** kkummentat estensivament dwar in-nuqqas tal-Gvern f'dan ir-rigward. Il-Gvern quddiem dik il-Qorti pprova wkoll jargumenta li kien sa mill-1987 illi huwa kien beda jiehu passi legislattivi dwar l-asbestos, argument li ftit li xejn sab approvazzjoni ta' jew impressjona b'mod mixtieq lil dik il-Qorti. A skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghal bran gia minnha citat fil-kawza ta' **Brincat** fil-pagni 52 sa 55 ta' din is-sentenza. Kompliet hekk il-Qorti fl-istess:

*"113. As to the duty to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives and the duty to provide such information, the Court notes that the Government submitted that no information reports were in fact available and that it was difficult for them to provide any information about the extent of any informative material given to the applicants. They noted, however, that the Occupational Health and Safety Authority (OHSA) provided preventive information and guidelines concerning the management and use of asbestos.*

*114. It would therefore appear that no information was ever collected or studies undertaken or reports compiled specifically about the asbestos situation at the applicants' place of work. Furthermore, the Government did not even argue that any general information was, in fact, accessible or made available to the applicants. Instead the Government, seemingly oblivious to the obligations*

*arising from the Convention, opted to consider that it was not their responsibility to provide information at the outset and that anyone in such a work environment would in any case be fully aware of the hazards involved. The Court considers the latter statement to be in stark contrast to the Government's repeated argument that they (despite being employers and therefore well acquainted with such an environment) were for long unaware of the dangers. The Court further finds inappropriate the Government's contention that the distribution of the above-mentioned masks was an implicit source of information. Additionally, in relation to the Government's reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could therefore not have been a source of information before that date. It follows that in practice no adequate information was in fact provided or made accessible to the applicants during the relevant period of their careers at the MDC.a*

*[….]*

***116. The above considerations lead the Court to conclude that in view of the seriousness of the threat at issue, despite the State's margin of appreciation as to the choice of means, the Government have failed to satisfy their positive obligations, to legislate or take other practical measures, under Articles 2 and 8 in the circumstances of the present case."***

Il-Qorti tikkondividi pjenament mal-osservazzjonijiet awtorevoli tal-QEDB, konsegwentement tqies li kull kumment iehor f'dan l-istadju jkun superfluwu.

**Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ssib li r-raba' talba tar-rikorrenti hija gustifikata.**

Il-hames talba tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tillikwida u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq bhala rimedju ghall-ksur ta' drittiijet fundamentali taghhom. Fil-kaz odjern ir-rikorrenti ma gabu ebda prova dwar u ma ghamlu ebda talba li tirrigwarda danni pekunarji. Fis-sottomissjonijiiet taghhom huma jindikaw ic-cifra ta' €10,000 kull wiehed (€50,000 b'kollox) bhala danni morali[89].

Minn naha l-ohra l-intimati jargumentaw li l-ghan ewlieni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni huwa sabiex jigu stabbiliti standards u ma hemm ebda obbligu li l-Qorti takkorda rimedju oltre dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

Il-Qorti tinnota li George Spiteri miet fl-eta ta' 66 sena. F'dik l-epoka huwa kien qieghed jircievi l-pensjoni taz-zewg terzi, liema pensjoni huwa kien ilu jircievi sa mill-5 ta' Frar 2005 sakemm miet fit-18 ta' Gunju 2010. Dettalji dwar il-*quantum* tal-pensjoni u l-bonuses addizjonali li rcieva Spiteri nghataw mir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali Joseph Chircop[90].

Wara li qieset il-fatti u r-rizultanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma tarax li semplici dikjarazzjoni hija sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghal ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Pero' qabel ma l-Qorti tghaddi biex tillikwida is-somma li tqies idonea, thoss li ghandha taghmel is-segwenti kummenti u dana n vista tad-decizzjoni ricentement moghtija mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza fl-ismijiet **Paul Pullicino et. vs Id-Direttur Generali tax-Xogholijiet**.[91] Fl-istess, it-talbiet kienu verament ukoll marbuta ma mewt konsegwenza tal-marda

[89] Fol 466
[90] Fol 412 et seq
[91] Deciza 8 ta' Novembru, 2016 538/2009SM

*mesothelioma,* ukoll minhabba esposizzjoni ghal asbestos, ghalhekk kienu ta' likwidazzjoni ta' danni sofferti qua *damnum emergens* u *lucrum cessans*. Kienet ghalhekk illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili setghet wasslet ghas-somma hekk minnha likwidata. It-talbiet ezaminati fil-kaz odjern huma bazati fuq lanjanzi ta' ksur kostituzzjonali kif rrizulta u ghalhekk id-danni li se jigu moghtija huma biss ta' natura morali li ma jidhlu qatt fl-ezami estensiv u komputtativ bhal ma hu telf ta' qliegh presenti u futur u danni ohra inkorsi, baht-talbiet li ezaminat u laqghet il Qorti fid-decizzjoni appena msemmija.

**Fic-cirkustanzi l-Qorti sejra tillikwida s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) bhala danni morali pagabbli lir-rikorrenti solidalment bejniethom ghal ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:**

1. **Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati *Policy Manager* tal-*Malta Shipyards et* fil-konfront tat-Tabib Principali tal-Gvern u tal-Avukat Generali izda tilqaghhom fil-konfront tal-intimat *Policy Manager* tal-*Malta Shipyards* u tal-kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija u tiddikjara ghalhekk li l-*Policy Manager* tal-*Malta Shipyards* u l-kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija huma ma humiex legittimi kontradittturi ghat-talbiet tar-rikorrenti u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet ta' l-intimati Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali;**

3. **Tilqa' l-eccezzjonijiet numru 7 u 14 tal-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol u tiddikjarah bhala mhux**

**legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;**

4. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara ksur tad-drittijiet fundamentali tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni sa fejn din tirrigwarda l-espozizzjoni ta' George Spiteri ghall-asbestos gewwa t-Tarzna liema espozizzjoni kkagunalu l-mewt, izda tichad safejn din tolqot lir-rikorrenti Maria Carmela sive Marlene Spiteri, Leonor mart Victor Bartolo, David Spiteri, Robert Spiteri u Maria Spiteri <u>fil-vesti personali taghhom</u>;**

5. **Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li ma hemm ebda ksur tal-tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni;**

6. **Tilqa' t-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti u tiddikjara li sehh ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;**

7. **Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti, tillikwida s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) bhala danni morali pagabbli lir-rikorrenti solidalment bejniethom u tikkundanna lill-intimati Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali jhallsu din is-somma solidalment bejniethom.**

**L-ispejjez relatati mal-intimati *Policy Manager tal-Malta Shipyards*, il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol u l-kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti solidalment bejniethom.**

**Il-bqija tal-ispejjez ghandhom jinqasmu hekk: 4/5 ikunu a karigu tat-Tabib Principali tal-Gvern u tal-Avukat Generali solidalment bejniethom u**

**1/5 ikunu a karigu tar-rikorrenti solidalment bejniethom peress li mhux it-talbiet kollha tar-rikorrenti gew milqugha.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**